# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 23 ta' Frar, 2022.**

**Numru 6**

**Rikors numru 278/11/1 VG**

**Charm Developments Limited (C – 14760)**

**v.**

**Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell imressaq mill-kumpanija attriċi (minn issa 'l hemm imsejħa "Charm") minn sentenza mogħtija mit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva fis-6 ta' April, 2021, fl-atti tar-Rikors fl-ismijiet premessi, li permezz tagħha u għar-raġunijiet hemm imfissra dak it-Tribunal ċaħad l-appell ta' Charm mil-likwidazzjoni ta' taxxa għas-sena ta' stima 2004 u wkoll mid-deċiżjoni tal-intimat Kummissarju tat-Taxxi tat-30 ta' Settembru,

2011, li bis-saħħa tagħha warrab l-oġġezzjoni li Charm kienet għamlet mil-likwidazzjoni msemmija, bl-ispejjeż kontra Charm;

2. Bl-azzjoni mibdija minnha quddiem it-Tribunal, Charm ilmentat mill-impożizzjoni ta' stima ta' taxxa mtella' mill-Kummissarju wara bejgħ ta' ġid immobbli minn Charm lil kumpanija oħra jisimha Trenchy Limited, minħabba li tgħid li dak it-trasferiment ma kienx iġib miegħu taxxa għaliex sar bla qligħ. Ilmentat ukoll minn stima ta' taxxa addizzjonali li l-Kummissarju mpona fuqha flimkien ma' mgħax;

3. Il-każ qam minn bejgħ li Charm għamlet lil Trenchy ta' ġid immobbli f'Raħal Ġdid, tas-Sliema u Buġibba bis-saħħa ta' kuntratt pubbliku tat-28 ta' April, 2003. L-azzjonisti ta' Charm kienu lkoll azzjonisti ta' Trenchy, flimkien ma' azzjonisti oħrajn. Charm tgħid li l-imsemmi trasferiment ta' ġid immobbli minn fuq isimha għal fuq Trenchy kien joqgħod mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 5(9) tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income* (Kap 123 tal-Liġijiet ta' Malta) u għalhekk ma kellha titħallas l-ebda taxxa fuq dak it-trasferiment;

4. It-Tribunal wasal għad-deċiżjoni tiegħu wara li kkonsidra kif ġej:

> "*Bil-proceduri odjerni s-socjetà Rikorrenti tikkontesta Likwidazzjoni ta' Taxxa mahruga fil-konfront taghha mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni ghas-sena ta' stima 2004 [hawn iktar 'l quddiem indikata bhala l-Likwidazzjoni ta' Taxxa ghas-sena ta' stima 2004] in forza ta' liema qed tigi mitluba thallas is-somma ta' €1,133,011 bhala taxxa ghall-*

*imsemmija sena ta' stima, flimkien mat-taxxa addizzjonali u l-imghax*[1]*, u d-Decizjoni ta' Rifjut ta' l-Oggezzjoni datata 30 ta' Settembru 2011*[2] *[hawn iktar 'l quddiem indikata bhala d-Decizjoni] permezz ta' liema giet michuda l-oggezzjoni taghha mill-imsemmija Likwidazzjoni ta' Taxxa ghas-sena ta' stima 2004.*

*Is-socjetà Rikorrenti titlob li l-Likwidazzjoni ta' Taxxa ghas-sena ta' stima 2004 u d-Decizjoni jigu kkancellati u revokati u minflok jigi dikjarat illi: (i) ebda taxxa ma hija minnha dovuta lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni ghas-sena ta' stima 2004 salv id-dritt taghha dwar il-krediti ta' taxxa li kellha ghal dik is-sena ta' stima u dwar l-ammont ta' telf li kien gie riportat minn snin precedenti; jew (b) subordinatament u bla pregudizzju, li t-taxxa minnha dovuta ghas-sena ta' stima 2004 mhix dik stmata mill-Kummissarju tat-Taxxi fuq qligh taxxabbli ta' Lm1,389,719 imma dik li ghandha tigi kalkolata fuq qligh taxxabbli bazat fuq il-prezz attwalment pattwit u mhallas ta' Lm700,000 ghall-bejgh tal-proprjetà f'Rahal Gdid, tas-Sliema u Bugibba minnha trasferita lis-socjetà Trenchy Limited fis-sena bazi 2003, wara li jitnaqqsu l-prezz ta' l-akkwist u d-deduzzjonijiet l-ohra permissibbli skond il-Ligi, minghajr ebda taxxa addizzjonali jew imghax, salv dejjem id-dritt taghha dwar il-krediti ta' taxxa u dwar l-ammont ta' telf riportat minn snin precedenti.*

*Is-socjetà Rikorrenti tibbaza l-appell taghha mill-Likwidazzjoni ta' Taxxa ghas-sena ta' stima 2004 u mid-Decizjoni fuq is-segwenti aggravji:*

> *". L-Artikolu 51(2) tal-Kap.123 tal-Ligijiet ta' Malta, in bazi ghal liema l-Kummissarju tat-Taxxi Interni, illum Kummissarju tat-Taxxi, ta d-Decizjoni u hareg il-Likwidazzjoni ta' Taxxa ghas-sena ta' stima 2004 ma huwiex applikabbli ghall-kaz in ezami li invece jaqa' entro l-parametri ta' l-Artikolu 5(9) tal-Kap.123 tal-Ligijiet ta' Malta li jezenta mill-hlas ta' taxxa trasferiment ta' proprjetà bejn zewg kumpanniji meta aktar minn 50% ta' l-ishma u l-kontroll taghhom ikunu, direttament jew indirettament, f'idejn l-istess persuni;*
>
> *". L-Artikolu 51(2) tal-Kap.123 tal-Ligijiet ta' Malta jittratta dwar skema bl-intenzjoni unika jew primarja li tigi evitata t-taxxa u kif diversi drabi enuncjat mill-Qorti ta' l-Appell, l-oneru tal-prova dwar tali intenzjoni ta' evazjoni ta' taxxa jinkombi esklussivament fuq il-Kummissarju tat-Taxxi, oneru li fil-kaz in ezami ma giex sodisfatt mill-Kummissarju tat-Taxxi in kwantu s-socjetà Trenchy Limited ma gietx iffurmata unikament jew principalment ghal skop ta' evazjoni ta' taxxa izda ghal skopijiet kummercjali;*
>
> *". L-Artikolu 51(2) tal-Kap.123 tal-Ligijiet ta' Malta mhux applikabbli ghall-kaz in ezami anke in bazi ghas-segwenti ragunijiet: (a) ai termini ta' l-imsemmi artikolu tal-Ligi l-Kummissarju tat-Taxxi ghandu johrog ordni bil-miktub specifika u mhux stima li l-istess Kummissarju jista' johrog a tenur ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-*

[1] Dok. "KTI15" a fol. 81 sa' 83 tal-process.
[2] Dok. "KTI16" a fol. 84 tal-process.

*Taxxa, tant illi l-istess artikolu jipprovdi li t-taxpayer ghandu dritt joggezzjona minn dik l-ordni daqs li kieku dik l-ordni kienet stima mahruga taht l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa. F'dan il-kaz inharget stima a tenur ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa izda ma harget l-ebda ordni bil-miktub a tenur ta' l-Artikolu 51(2) tal-Kap.123 tal-Ligijiet ta' Malta; (b) l-Artikolu 5(9) tal-Kap.123 tal-Ligijiet ta' Malta huwa provvediment specjali li jipprevali fuq il-provvedimenti generici. L-imsemmi artikolu tal-Ligi jipprovdi li trasferiment li jaqa' entro l-parametri ta' dak l-artikolu huwa ezenti mill-hlas ta' taxxa, liema taxxa issir dovuta f'kaz ta' trasferiment sussegwenti li ma jikkwalifikax ghall-helsien mit-taxxa. L-Artikolu 51(2) tal-Kap.123 tal-Ligijiet ta' Malta johloq kunflitt ghax jekk tigi imposta taxxa bis-sahha tieghu, it-taxxa li tista' tigi imposta sussegwentement skond l-Artikolu 5(9) tal-Kap.123 tal-Ligijiet ta' Malta tkun taxxa doppja fuq l-istess trasferiment. In oltre wara l-2003 kien hemm emendi ghall-imsemmi artikolu tal-Ligi li bidlu l-kondizzjonijiet u zdiedu c-cirkostanzi li fihom il-helsien mit-taxxa jista' jintilef. L-Artikolu 5(9) tal-Kap.123 tal-Ligijiet ta' Malta huwa ghalhekk intiz biex jipprovdi esklussivament ghall-kazijiet fejn il-helsien mit-taxxa li hemm kontemplat fih jista' jintilef. F'dawn ic-cirkostanzi l-Artikolu 51(2) tal-Kap.123 tal-Ligijiet ta' Malta huwa inkompatibbli u mhux applikabbli; (c) l-Artikolu 5(9) tal-Kap.123 tal-Ligijiet ta' Malta jsemmi cirkostanzi empirici u specifici meta trasferiment ma jkunx soggett ghat-taxxa. Il-helsien mit-taxxa ghalhekk jiddependi mill-ezistenza o meno ta' dawk ic-cirkostanzi u minn ebda kondizzjoni ohra. Mhux possibbli li persuna li taghmel trasferiment li skond il-ligi ma hux soggett ghat-taxxa tirrapporta dak it-trasferiment bhala trasferiment taxxabbli u ghalhekk mhux guridikament ammissibbli illi dik il-persuna tigi sussegwentement soggetta ghat-taxxa fuq dak it-trasferiment;*

*“. Bla pregudizzju ghall-premess, kieku t-trasferiment in kwistjoni kellu jkun taxxabbli, il-qligh taxxabbli kien ikun hafna indaqs* (**recte:** *inqas) minn dak likwidat mill-Kummissarju tat-Taxxi. Il-kwistjoni tirrivolvi madwar il-valur tal-proprjetà sitwata r-Rahal Gdid li fl-2003 giet trasferita, flimkien ma' proprjetà f'tas-Sliema u proprjetà Bugibba, a favur is-socjetà Trenchy Limited. Jidher li l-Kummissarju tat-Taxxi ghandu r-riservi dwar il-valur dikjarat fl-att ta' trasferiment ghal din il-proprjetà partikolari fuq liema in segwitu ghall-akkwist Trenchy Limited sviluppata tlett torrijiet maghrufa bhala l-A3 Towers. Fiz-zmien tat-trasferiment però l-permessi ta' l-izvilupp ghal din il-proprjetà kienu biss ghal tlett sulari u l-uniku mod kif setghet tigi zviluppata dak iz-zmien kien billi tinqasam f'16-il plot ta' 3 qasab x 80 pied il-wahda, b'hekk il-valur dikjarat fl-att ta' trasferiment kien in verità piuttost gholi;*

*“. F'dan il-kaz il-valur li ghandu jigi kkunsidrat ma huwiex il-valur li l-proprjetà setghet gabet fuq is-suq izda il-prezz li attwalment gie pattwit bejn il-partijiet kontraenti stante li meta trasferiment ikun soggett ghall-hlas tat-taxxa taht l-Artikolu 5 tal-Kap.123 tal-Ligijiet ta' Malta, it-taxxa tigi imposta fuq il-qligh u cioè fuq dak li jifdal mill-prezz*

*wara li jitnaqqsu id-deduzzjonijiet ammissibbli fil-Ligi. Ghalkemm f'certa kazijiet il-Ligi tipprovdi li l-valur rilevanti huwa l-valur fuq is-suq, dan mhux il-kaz ghall-fini ta' taxxa fuq bejgh ta' proprjetà li tkun taxxabbli taht l-Artikolu 5 tal-Kap.123 tal-Ligijiet ta' Malta li ma jippermettix il-qligh taxxabbli jkun kalkolat a bazi tal-prezz tas-suq;*

*". Il-prezz pattwit huwa l-prezz effettivament imhallas u dan kif jirrizulta mill-kuntratt ta' trasferiment, mid-dikjarazzjoni tad-Diretturi tas-socjetà Rikorrenti, il-fatt li l-prezz ma setghax ikun izjed in kwantu già kien prezz piuttost gholi, mill-kotba tas-socjetà Rikorrenti u mill-fatt li il-bejgh kien segwit b'reqqa mill-Bank of Valletta p.l.c. li kien kreditur tas-socjetà Rikorrenti ghal self garantit bil-proprjetà in kwistjoni. In effetti r-rikavat mill-bejgh thallas kollu lill-bank;*

*". Ladarba ma hemm ebda taxxa dovuta minnha ghas-sena ta' stima 2004, jsegwi li ma tista' tigi imposta l-ebda taxxa addizzjonali fuqha;*

*". Il-Kummissarju tat-Taxxi stess jsostni li ebda taxxa addizzjonali ma hija dovuta mis-socjetà Rikorrenti stante li l-ammont minnu likwidat bhala taxxa li ghandha tithallas ghas-sena ta' stima 2004, ossia €1,133,011, jirrapprezenta t-taxxa bil-35% fuq il-qligh kif kalkolat u ghalhekk jeskludi it-taxxa addizzjonali;*

*". Fi kwalunke kaz ma hemm ebda raguni ghalfejn f'dan il-kaz ghandha tigi imposta taxxa addizzjonali fuq ommissjoni stante li it-trasferiment ma kienx taxxabbli u anke kieku stess, ghall-grazzja ta' l-argument, kien hemm taxxa dovuta bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 51(2) tal-Kap.123 tal-Ligijiet ta' Malta, dik it-taxxa kienet f'dak il-kaz tkun taxxa li giet dovuta bhala konsegwenza tad-decizjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi li japplika dak l-artikolu tal-Ligi u mhux awtomatikament. B'hekk anke kieku kellu jkun applikabbli l-Artikolu 51(2) tal-Kap.123 tal-Ligijiet ta' Malta, fiz-zmien meta hija imliet u baghtet il-prospett tat-taxxa taghha, xorta wahda ma kienet ghadha dovuta ebda taxxa u ghalhekk ma kien hemm l-ebda ommissjoni;*

*". Ghall-istess ragunijiet ma ghandu jigi impost l-ebda imghax fuqha.*

*Il-Kummissarju tat-Taxxi jopponi ghall-appell tas-socjetà Rikorrenti u jitlob li l-istess jigi michud stante li:*

*". Is-socjetà Rikorrenti giet stabbilita sa' mill-bidu nett sabiex tizviluppa u/jew tinnegozja fil-proprjetà u l-proprjetà trasferita minnha lis-socjetà Trenchy Limited kienet tifforma parti mit-trading stock taghha u ma kenixt tifforma parti mill-fixed assets taghha bil-konsegwenza li kull qligh mill-bejgh jew trasferiment ta' tali proprjetà jigi intaxxat bhala qligh min-negozju a tenur ta' l-Artikolu 4(1)(a) tal-Kap.123 tal-Ligijiet ta' Malta u mhux bhala qligh kapitali bil-*

*konsegwenza li l-Artikolu 5(9) tal-Kap.123 tal-Ligijiet ta' Malta ma jsibx applikazzjoni fil-kaz in ezami;*

*". L-Artikolu 51 tal-Kap.123 tal-Ligijiet ta' Malta jsib applikazzjoni fil-kaz in ezami ghaliex it-trasferiment bejn is-socjetà Rikorrenti u s-socjetà Trenchy Limited sar bil-mod u taht cirkostanzi li jwasslu biex is-socjetà Rikorrenti tgawdi b'mod ingust mill-provvedimenti ta' l-Artikolu 5(9) tal-Kap.123 tal-Ligijiet ta' Malta, li in verità huma intizi biex jevitaw tbatija finanzjarja zejda kawzata minn intaxxar ta' trasferiment ta' proprjetà bejn socjetajiet li jkunu kkontrollati, u jkunu proprjetà in kwantu ta' izjed minn 50% tal-kapital, mill-istess shareholders, fejn tali trasferiment ikun qed isir b'mod bona fide u normalment isir fil-kuntest ta' ri-organizzazzjoni ta' grupp ta' kumpanniji jew il-kumpanniji involuti jkunu ta' l-istess sidien, u dana in kwantu jitqies li ma sar l-ebda telf jew qligh minn dan it-trasferiment;*

*". Ghalkemm is-socjetà Rikorrenti esponiet it-trasferiment b'mod li jidher li jaqa' taht il-provvedimenti ta' l-Artikolu 5(9) tal-Kap.123 tal-Ligijiet ta' Malta, in verità il-hsieb wara t-trasferiment kien li l-proprjetà tigi trasferita mis-socjetà Rikorrenti a favur is-socjetà JPM Brothers, originarjament registrata bhala partnership ma' l-MFSA u in segwitu re-registrata bhala limited liability company, jew a favur azjenda proprjetà ta' u kkontrollata minn JPM Brothers;*

*". Is-socjetà Trenchy Limited giet uzata bhala parti minn skema ta' evazjoni ta' taxxa peress illi ma jirrizulta l-ebda attentat jew forma ta' manifestazzjoni li juru li Trenchy Limited kellha xi pjan kummercjali ghall-proprjetà trasferita lilha, imma l-uniku interess fl-eventwali zvilupp tal-proprjetà gie muri biss minn Peter Montebello ghal JPM Brothers, li kien ukoll Direttur fis-socjetà Samirjess Limited, ma' liema kumpanija giet eventwalment amalgamata s-socjetà Trenchy Limited;*

*". B'hekk il-fatti juru bic-car li t-trasferiment in kwistjoni jaqa' entro l-parametri ta' l-Artikolu 51(1) u (2) tal-Kap.123 tal-Ligijiet ta' Malta, li japplika anke jekk l-ordni bil-miktub da parte tal-Kummissarju tat-Taxxi johrog f'forma ta' stima, dwar liema kwistjoni in ogni caso s-socjetà Rikorrenti ma ghamlet l-ebda accenn ghaliha fl-oggezzjoni li kienet issottomettiet mill-Likwidazzjoni ta' Taxxa ghas-sena ta' stima 2004;*

*". L-Artikolu 51(2) tal-Kap.123 tal-Ligijiet ta' Malta ma johloq l-ebda kunflitt ma' dak provdut fl-Artikolu 5(9) tal-Kap.123 tal-Ligijiet ta' Malta ghar-raguni li jekk trasferiment jirrizulta li ma jinkwadrax ruhu taht id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 5(9) tal-Kap.123 tal-Ligijiet ta' Malta, trasferiment sussegwenti w eventwali wkoll ma jkunx jaqa' taht id-disposizzjonijiet ta' l-imsemmi artikolu tal-Ligi;*

*“. Il-fatt li c-cirkostanzi li jduru madwar trasferiment ta’ proprjetà jkunu empirici u specifici ma jfissirx li t-trasferiment ma jkunx parti minn skema, artificjali jew fittizja, intiza ghal tnaqqis ta’ taxxa li ghandha tithallas, kif provdut fl-Artikolu 51 tal-Kap. 123 tal-Ligijiet ta’ Malta;*

*“. Il-Kummissarju tat-Taxxi mhux qed jibbaza l-konsiderazzjoni tieghu li l-prezz ta’ trasferiment tal-proprjetà kellu jkun izjed fuq il-valur fis-suq ta’ l-imsemmija proprjetà stante li fl-2003 il-Ligi kienet tipprovdi dwar il-valur tal-konsiderazzjoni u mhux fuq il-valur tas-suq, izda a bazi ta’ valutazzjonijiet ta’ l-istess proprjetà irrappurtati kemm fil-kotba tas-socjetà Rikorrenti kif ukoll fil-kotba tas-socjetà Trenchy Limited;*

*“. Fil-kotba tas-socjetà Rikorrenti l-proprjetà in kwistjoni giet ivvaluata bhala Lm1,581,889 fl-2000 u bhala Lm900,000 fl-2001 (il-Financial Statements ghas-sena finanzjara li taghlaq fil-31 ta’ Dicembru 2001, li gew approvati fil-15 ta’ Ottubru 2002, kienu l-ahhar audited Financial Statements tas-socjetà qabel id-data tat-trasferiment) u fil-kotba tas-socjetà Trenchy Limited l-istess proprjetà giet ivvaluata bhala Lm2,000,000 fixed assets - investments u Lm385,466 currents assets – stocks, b’hekk valur ta’ proprjetà li fuq medda ta’ sentejn u disa’ xhur jinzel minn Lm1,581,889 ghal Lm900,000 u jerga’ jitla’ ghal Lm2,385,466 kien indikazzjoni ta’ xi haga suspettuza partikolarment meta fiz-zmienijiet in kwistjoni, ossia bejn l-31 ta’ Dicembru 2000 u l-31 ta’ Dicembru 2003, il-prezz tal-proprjetà f’Malta generalment kien qed jizdied minn sena ghall-ohra;*

*“. Is-socjetà Rikorrenti ma kenitx f’posizzjoni li tispjega certa diskrepanzi fil-valuri kif irrizultaw lill-Kummissarju tat-Taxxi u ghalhekk l-istess Kummissarju kien gustifikat li kellu dubju serju dwar kemm il-prezz dikjarat fl-att ta’ trasferiment kien verament jirrifletti l-verità;*

*“. Il-potenzjal tal-proprjetà sitwata gewwa r-Rahal Gdid ma rrizultax li kien daqshekk ristrett daqs kemm tipprova taghti ad intendere s-socjetà Rikorrenti stante li mill-proprjetà in kwistjoni, tal-kejl ta’ circa 2,816m$^2$, johorgu ta’ l-inqas 18-il plot ta’ 3 qasab x 80 pied il-wahda u mhux 16-il plot kif allegat mis-socjetà Rikorrenti u fil-valutazzjoni datata 1 ta’ Ottubru 2002, maghmula minn ditta ta’ periti mqabbda mis-socjetà Rikorrenti stess, imkien ma jissemma li l-potenzjal ta’ dik il-proprjetà kien ristrett daqs kemm qed tipprova taghti ad intendere s-socjetà Rikorrenti;*

*“. Il-kwistjoni kollha hi dwar l-ammont ta’ bejgh kif rifless fil-kotba tan-negozju tas-socjetà Rikorrenti u l-istess kotba qatt ma jistghu jigu ammessi bhala prova tal-korrettezza tal-prezz dikjarat ghaliex hemm dubju serju dwar l-ammont ta’ bejgh riportat fl-istess kotba tan-negozju;*

*“.     Il-fatt li l-bejgh kien segwit bir-reqqa mill-Bank of Valletta p.l.c. mhux prova sufficjenti li l-prezz dikjarat huwa l-wiehed vera ghaliex fl-ahhar mill-ahhar l-interess finali tal-Bank huwa li jipprotegi l-interessi tieghu u jara li jithallas dak kollu dovut lilu u mhux li jassigura li l-obbligi fiskali tas-socjetà appellanti jigu onorati fl-intier taghhom;*

*“.     It-taxxa addizzjonali u l-imghax gew imposti minnu ai termini tal-Ligi.*

*Mill-provi prodotti jirrizulta li in forza ta’ kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Bartolomeo Micallef datat **28 ta’ April 2003**[3], is-socjetà Charm Developments Limited, rapprezentata fuq l-att minn Emanuel Zammit u George Farrugia, ittrasferiet a favur is-socjetà Trenchy Limited, rapprezentata fuq l-att mill-imsemmija Emanuel Zammit u George Farrugia, the divided portion of land situated limits of Casal Paola, … omissis ... versu l-prezz komplessiv ta’ Lm700,000, illum ekwivalenti ghal €1,630,561.38. A termini ta’ l-imsemmi kuntratt it-trasferiment ma kienx soggett ghall-hlas ta’ taxxa fuq il-qligh kapitali in kwantu gie dikjarat li this is a sale between one company and another, where over fifty percent of the shares are owned by the same shareholders u lanqas kien soggett ghat-taxxa dwar dokumenti u trasferimenti.*

*Is-socjetà Rikorrenti kienet giet kostitwita fl**-24 ta' Frar 1993** bejn Raymond Axiaq, George Farrugia u Emanuel Zammit f'ishma pratikament indaqs bejniethom. L-iskop principali tas-socjetà skond l-Objects Clause tal-Memorandum and Articles of Association taghha kien to construct, reconstruct, renovate, alter, improve, decorate, enlarge, pull down and remove or replace, furnish and maintain buildings of every description and to manage any land, buildings or other properties as aforesaid whether belonging to the Company or not, as well as to finance building and general works operations of every description[4]. Fis-**26 ta' Novembru 2002**, Raymond Axiaq ittrasferixxa l-ishma tieghu a favur George Farrugia u Emanuel Zammit, b'dana li huma baqghu l-unici azzjonisti fis-socjetà Rikorrenti b'500 sehem kull wiehed[5]. Fl**-20 ta' Jannar 2003** giet kostitwita is-socjetà Trenchy Limited li bhala azzjonisti kellha lil George Farrugia u Emanuel Zammit b'250 sehem kull wiehed. L-iskop principali ta' din is-socjetà skond l-Objects Clause fil-Memorandum and Articles of Association taghha kien to acquire by purchase, emphyteusis, lease, grant, commission, license ir any other title valid at law, land buildings or any other property situated in Malta and to develop same by construction of furnished apartments, villas, hotels, restaurants, shops, guest houses, clubs, holiday, tourist, recreational and pleasure resorts and other accomodation whatsoever with other amenities and accessories in any way connected therewith[6].*

[3] Dok. “A” a fol. 128 sa’ 132 tal-process.
[4] Dok. “KTI1” a fol. 25 sa’ 27 tal-process.
[5] Dok. “KTI2” a fol. 28 tal-process.
[6] Dok. “KTI4” a fol. 34 u 35 tal-process.

*B'Risoluzzjoni Straordinarja mehuda fis-**6 ta' Gunju 2003** gie deciz li s-share capital tas-socjetà Trenchy Limited jizdied ghal 1,500 sehem b'dana li 1000 sehem gew allokati lil JPM Brothers Limited bil-konsegwenza ghalhekk li George Farrugia u Emanuel Zammit ma baqghux socji maggoritarji fl-imsemmija socjetà[7]. Fit-**30 ta' Lulju 2003** gew allokati 49,000 sehem fis-socjetà Trenchy Limited lis-socjetà Samirjess Limited[8] u fil-**31 ta' Lulju 2003**, George Farrugia u Emanuel Zammit ittrasferew l-ishma taghhom fis-socjetà Trenchy Limited a favur JPM Brothers Limited[9]. Is-socjetà Samirjess Limited ghandha bhala socji lil JPM Brothers, lil Jeffrey Montebello u lil Peter Montebello u s-socjetà JPM Brothers Limited hija socjetà ta' l-ahwa Jeffrey u Peter Montebello.*

*Fid-dawl ta' dan kollu jirrizulta li sal-31 ta' Lulju 2003, is-socjetà Trenchy Limited, li kienet giet kostitwita minn Emanuel Zammit u George Farrugia f' Jannar ta' l-istess sena, giet proprjetà esklussiva ta' l-ahwa Montebello tramite is-socjetajiet taghhom JPM Montebello Brothers Limited u Samirjess Limited, bil-konsegwenza ghalhekk li fuq medda ta' ftit xhur proprjetajiet originarjament di proprjetà ta' Emanuel Zammit u George Farrugia tramite s-socjetajiet taghhom Charm Developments Limited u Trenchy Limited saru di proprjetà ta' l-ahwa Montebello tramite s-socjetajiet taghhom JPM Brothers Limited u Samirjess Limited. Fil-fehma tat-Tribunal fid-dawl ta' tali fatti l-Kummissarju tat-Taxxi Interni kien ferm gustifikat li jinvestiga ulterjorment ic-cirkostanzi madwar it-trasferiment tat-28 ta' April 2003 bejn is-socjetà Rikorrenti u s-socjetà Trenchy Limited u kemm effettivament dak it-trasferiment kien realment jaqa' entro l-parametri ta' l-Artikolu 5(9) tal-Kap.123 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*L-Artikolu 5(9) tal-Kap.123 tal-Ligijiet ta' Malta kif applikabbli fiz-zmien rilevanti ghall-kaz in ezami, ossia fl-2003, kien jipprovdi li: Meta attiv ikun trasferit minn kumpannija ghal kumpannija ohra u dawk il-kumpanniji: (a) jkunu meqjusa bhala grupp ta' kumpanniji ghall-finijiet ta' l-artikolu 16 ta' dan l-Att; jew (b) ikunu ikkontrollati u l-istess azzjonisti jkunu proprjetarji li jibbenefikaw direttament jew indirettament minnhom bl-iktar minn hamsin fil-mija, ghandu jitqies li la kien hemm telf u lanqas qligh minn dak it-trasferiment. Sabiex ikun accertat il-qligh kapitali meta dak l-attiv ikun sussegwentement trasferit minn kumpannija ghal ohra li ma tkunx taqa' taht id-disposizzjonijiet tal-paragrafi (a) jew (b) ta' dan is-subartikolu skond il-kaz, il-kost baziku ta' l-attiv li ghandu jigi kkunsidrat ikun il-kost originali kif kien qabel ma sar l-ewwel trasferiment.*

*Minn dan il-provvediment tal-Ligi huwa evidenti li t-taxpayer koncernat, ossia l-parti normalment soggetta ghall-hlas tat-taxxa fuq il-qligh kapitali fil-kuntest ta' trasferiment ta' proprjetà immobbli, ma ghandux*

[7] Dok. “KTI6” u Dok. “KTI7” a fol. 37 sa' 41 tal-process.
[8] Dok. “KTI8” a fol. 42 u 43 tal-process.
[9] Dok. “KTI9” a fol. 44 tal-process.

*ghalfejn jitlob ghal esenzjoni specifika minghand il-Kummissarju tat-Taxxi stante li din l-'esenzjoni' mill-hlas tat-taxxa fuq il-qligh kapitali tirrizulta mill-Ligi nfisha f'dawk ic-cirkostanzi fejn il-kondizzjonijiet kontemplati fil-paragrafi (a) jew (b) ta' l-Artikolu 5(9) tal-Kap.123 tal-Ligijiet ta' Malta jissussistu. In effetti fil-ktieb Principles of Maltese Income Tax[10] il-provvediment ta' l-Artikolu 5(9) tal-Kap.123 tal-Ligijiet ta' Malta gie deskritt bhala the intra-group exemption [hemm kontemplata] is technically not a tax exemption but merely an event which is excluded from the purview of tax on capital gains. Huwa fid-dawl ta' tali natura tal-provvediment ta' l-Artikolu 5(9) tal-Kap.123 tal-Ligijiet ta' Malta li fl-ittra mahruga f'Marzu 2003, esebita bhala Dok. "B" a fol. 133 tal-process, il-Kummissarju gharraf lis-socjetà Rikorrenti li since you are declaring that such transfer refers to Article 9 of the Section 5 of the Income Tax Act, a specific note to this effect need not be issued by the Commissioner of Inland Revenue … Naturalment peress illi l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 5(9) tal-Kap.123 tal-Ligijiet ta' Malta ghal trasferiment partikolari hija kompletament dipendenti fuq id-dikjarazzjoni maghmula mill-partijiet kontraenti l-Kummissarju tat-Taxxi necessarjament ghandu d-dritt li jirriserva il-jedd tal-verifika tal-fatti kif dikjarati u jekk jirrizultaw mod iehor ikun jista' jagixxi skond il-poteri konferiti lilu ai termini tal-Ligi. Dan il-fatt ingieb a konjizzjoni tas-socjetà Rikorrenti fl-imsemmija ittra ta' Marzu 2003, meta l-Kummissarju specifikatament iddikjara li should the circumstances of the case be different from your declaration, the Commissioner of Inland Revenue reserves the right to take whatever action he deems appropriate according to the Income Tax Acts.*

*Huwa hawnhekk allura fejn jidhol u fic-cirkostanzi kongrui japplika l-Artikolu 51 tal-Kap.123 tal-Ligijiet ta' Malta li fiz-zmien rilevanti ghall-proceduri odjerni fis-subartikoli (1) u (2) kien appuntu jipprovdi li: (1) Meta xi skema li tnaqqas l-ammont ta' taxxa li ghandu jithallas minn xi persuna tkun artificjali jew fittizja jew li fil-fatt ma nghatalhiex effett, il-Kummissarju ghandu jinjora l-iskema u l-persuni koncernati jigu ntaxxati skond hekk. (2) Meta xi persuna, bhala rizultat dirett jew indirett ta' xi skema li l-uniku ghan taghha jew l-ghan ewlieni taghha jkun li jinkiseb xi vantagg li ghandu effett li jevita, inaqqas jew jipproponi l-hlas tat-taxxa li ghandha tithallas, jew li jinkiseb xi hlas lura jew tpattija ta' taxxa, tkun kisbet jew tkun f'qaghda li tikseb dak il-vantagg, il-Kummissarju ghandu, b'ordni bil-miktub, jistabilixxi it-taxxa li ghandha tithallas jew il-jedd ghal hlas lura jew ghal tpattija ta' taxxa ta' l-imsemmija persuna, jew ta' xi persuna ohra, ghas-sena ta' stima hekk stabbilita, b'dak il-mod u ghal dak l-ammont li jkun mehtieg, fic-cirkostanzi tal-kaz, biex tigi annullata jew modifikata l-imsemmija skema u il-vantagg li johrog minnha. Persuna li ma taqbilx ma' ordni notifikata lilha kif intqal qabel ghandu jkollha l-istess drittijiet li toggezzjona ghal dik l-ordni u li tappella minn decizjoni tal-Kummissarju li jirrifjuta dik l-oggezzjoni daqs li kieku dik l-ordni kienet stima mahruga taht l-Att dwar l-Amministrazzjoni ta' Taxxa u d-disposizzjonijiet*

[10] Dr. Robert Attard – Kapitolu 17, pagna 566.

*relevanti ta' dak l-Att rigward l-oggezzjonijiet u l-appelli ghandhom japplikaw mutatis mutandis.*

*Fid-dawl ta' dan osservat ghalhekk jirrizulta li, kuntrarjament ghal dak pretiz mis-socjetà Rikorrenti, l-Artikolu 5(9) u l-Artikolu 51(1) u (2) tal-Kap.123 tal-Ligijiet ta' Malta ma humiex kontradittorji u/jew konfliggenti ghal xulxin. L-Artikolu 51 tal-Kap.123 tal-Ligijiet ta' Malta semplicement jaghti, fil-fehma tat-Tribunal korrettament u gustament, lill-Kummissarju tat-Taxxi d-dritt li jivverifika dikjarazzjonijiet u/jew trasferimenti li jkunu saru minn taxpayer li a bazi taghhom jew bis-sahha taghhom l-istess taxpayer jottjeni vantagg fir-rigward tat-taxxa dovuta. Kemm-il darba t-Tribunal kellu jaccetta l-argument avvanzat mis-socjetà Rikorrenti dwar il-pretiz kunflitt u b'hekk inapplikabblità tal-wiehed (ossia l-Artikolu 51) fl-applikabilità ta' l-iehor (ossia l-Artikolu 5(9)), ikun effettivament qed jaghti lok ghal abbuz bla kontroll ta' certa esenzjonijiet mill-assogettazzjoni tat-taxxa kontemplati u previsti fil-Ligi stess. Naturalment il-jedd wahdu konferit fuq il-Kummissarju tat-Taxxi bl-Artikolu 51(1) u (2) tal-Kap.123 tal-Ligijiet ta' Malta, ma huwiex sufficjenti biex dikjarazzjoni jew transazzjoni partikolari jitqiesu bhala skema fittizja jew artificjali intiza unikament biex jigi evitat il-hlas tat-taxxa dovuta, izda l-Kummissarju jrid ikollu ragunijiet ben fondati fuq liema jasal ghall-konkluzjoni finali tieghu li bhala fatt dikjarazzjoni jew transazzjoni partikolari effettivament jikkostitwixxu skema fittizja jew artificjali intiza unikament biex jigi evitat il-hlas tat-taxxa dovuta.*

*Il-kostituzzjoni tas-socjetà Trenchy Limited bl-ishma allokati ugwalment u eskulssivament bejn George Farrugia u Emanuel Zammit u t-trasferiment ta' tali shareholding favur terzi, senjatament favur l-ahwa Montebello tramite s-socjetajiet taghhom JPM Brothers Limited u Samirjess Limited, fuq medda ta' zmien ferm qasir – ossia bejn bejn l-20 ta' Jannar 2003 - ftit xhur qabel it-trasferiment tal-proprjetajiet f'Rahal Gdid, tas-Sliema u Bugibba mis-socjetà Rikorrenti a favur is-socjetà Trenchy Limited – u l-31 ta' Lulju 2003 – ftit xhur wara l-imsemmi trasferiment, huma bla dubju ta' xejn fatturi importanti u determinanti ghall-konsiderazzjoni jekk it-trasferiment in kwistjoni ghandux jitqies li ma huwa xejn ghajr skema fittizja jew artificjali intiza unikament biex jigi evitat il-hlas tat-taxxa dovuta. Ghalkemm is-socjetà Rikorrenti tramite r-rapprezentanti taghha George Farrugia u Emanuel Zammit, tikkontendi li f'tali transazzjonijiet il-Kummissarju tat-Taxxi qed jara affarijiet u johloq suspetti li in verità ma jezistux, l-istess George Farruga u Emanuel Zammit ma tawx spjegazzjoni sodisfacenti ghalfejn fuq medda ta' ftit xhur mill-kostituzzjoni tas-socjetà Trenchy Limited ittrasferew is-shareholding kollu taghhom f'dik is-socjetà a favur l-ahwa Montebello l-ewwel bl-allokazzjoni ta' ishma a favur JPM Brothers Limited u Samirjess Limited u finalment bit-trasferiment ta' l-ishma taghhom a favur JPM Brothers Limited, bil-konsegwenza li l-proprjetà trasferita lis-socjetà Trenchy Limited effettivament ghaddiet f'idejn terzi persuni.*

*Fl-affidavit[11] tieghu George Farrugia ddikjara li Peter J. Montebello u Jeffrey Montebello, li kienu s-socji ta' JPM Brothers Limited, kienu wrew interess fl-izvilupp ta' l-art ta' Rahal Gdid u ghalhekk kien sar qbil mieghi u mas-socju l-iehor ta' Trenchy Limited biex JPM Brothers Limited issir socju ta' Trenchy Limited. JPM Brothers Limited akkwistat ix-shares fi Trenchy Limited fis-16 ta' Gunju 2003. Ghandi nghid li jien u l-Perit u Arkitett Civili Emanuel Zammit kellna relazzjonijiet kummercjali ma' JPM Brothers Limited già qabel ma din il-kumpannija akkwistat ix-shares fi Trenchy Limited. Jien u s-Sur Zammit ghandna kumpanija ohra, Southern Concrete, li tipproduci u tbiegh concrete u materjal iehor fl-industrija tal-bini, u kienet taghmel xi negozju ma' JPM Brothers Limited. Fil-fatt Peter J. Montebello u Jeffrey Montebello kienu wrew interess li fil-futur jakkwistaw sehem f'Southern Concrete. … Wara l-bejgh tal-proprjetà lil Trenchy Limited, jien u s-Sur Emanuel Zammit, li konna s-socji ta' Charm Developments Limited, kellna diskussjonijiet mas-socji ta' JPM Brothers Limited dwar kif kellha tigi zviluppata l-art ta' Rahal Gdid. Matul dawn iz-zminijiet, jiena u s-socju tieghi Emanuel Zammit kellna xi kwistjonijiet bejnietna u ghalhekk ridna ninfirdu minn xulxin fuq kull negozju li kellna bejnietna, inkluz in-negozju ta' Trenchy Limited. Sadanittant, Peter J. Montebello u Jeffrey Montebello applikaw f'isimhom personalment ghall-permess dwar il-progett kif dehrilhom huma. Però jiena f'dak l-istadju ma kontx interessat inkompli fin-negozju la mas-socju tieghi Emanuel Zammit u lanqas ma' l-ahwa Montebello u ghalhekk bieghejt sehemi fi Trenchy Limited lill-ahwa Montebello fil-31 ta' Lulju 2003. Dak affermat minn George Farrugia gie imtenni minn Emanuel Zammit fl-affidavit tieghu[12], liema affidavit it-Tribunal ma jistax jonqos milli josserva li huwa pratikament identiku ghall-affidavit ta' George Farrugia.*

*Mill-provi prodotti mill-Kummissarju tat-Taxxi però, dak affermat minn George Farrugia u Emanuel Zammit fl-affidavits taghhom jinsab kontradett. "Jibda biex jinghad illi ghalkemm George Farrugia u Emanuel Zammit jishqu fuq il-fatt li huma kellhom l-inkwiet bejniethom u ma riedux ikomplu jahdmu iktar flimkien u kien ghalhekk li skonthom ittrasferew l-ishma taghhom fis-socjetà Trenchy Limited a favur is-socjetajiet ta' l-ahwa Montebello, stranament kien* ***biss*** *fis-socjetà Trenchy Limited li tterminaw r-relazzjoni lavorattiva u kummercjali ta' bejniethom. Mix-xhieda ta' l-Avukat Dottor Claudette Fenech, in rapprezentanza tar-Registratur tal-Kumpanniji[13], u d-dokumenti esebiti minnha jirrizulta li ghalkemm Emanuel Zammit u George Farrugia ma baqghux socji fis-socjetà Trenchy Limited, huma zammew fermi ir-relazzjonijiet taghhom u ta' bejniethom fis-socjetajiet l-ohra taghhom, ossia fis-socjetà Rikorrenti u fis-socjetà Southern Construction Co. Ltd. In effetti mid-dokument a fol. 194 tal-process mahrug mir-Registratur tal-Kumpanniji datat 10 ta' Ottubru 2013 jirrizulta li Charm Developments Limited of Southern Group, Ta' Qali Industrial Estate, Attard, Malta, was registered under the Laws of Malta on the 24th*

[11] Fol. 108 sa' 110 tal-process.
[12] Fol. 117 sa' 119 tal-process.
[13] Xhieda moghtija waqt is-seduta ta' l-14 ta' Ottubru 2013, fol. 208 u 209 tal-process.

*February 1993 and is still so registered. According to our records the present Directors are: Emmanuel Zammit (Maltese I.D. Card No. 762154M) George Farrugia (Maltese I.D. Card No. 220048M) u mid-dokument a fol. 196 tal-process ukoll mahrug mir-Registratur tal-Kumpanniji datat 10 ta' Ottubru 2013 jirrizulta li Southern Construction Co. Limited of Southern Group, Ta' Qali Industrial Estate, Attard, Malta, was registered under the Laws of Malta on the 20th May 1998 and is still so registered. According to our records the present Directors are: Emmanuel Zammit (Maltese I.D. Card No. 762154M) George Farrugia (Maltese I.D. Card No. 220048M).*

*In kwantu rigwarda l-interess ta' l-ahwa Montebello fil-proprjetajiet tas-socjetà Rikorrenti u b'mod partikolari fil-proprjetà sitwata r-Rahal Gdid, mill-provi prodotti mill-Kummissarju tat-Taxxi jirrizulta li dan l-interess kien ilu jigi minnhom manifestat sa' minn zmien ferm qabel kemm it-trasferiment tal-proprjetajiet in kwistjoni mis-socjetà Rikorrenti lis-socjetà Trenchy Limited kif ukoll l-akkwist ta' ishma fis-socjetà Trenchy Limited da parte ta' l-ahwa Montebello tramite s-socjetajiet taghhom JPM Brothers Limited u Samirjess Limited. In effetti mid-dokument Dok. "KTI17" anness mar-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi a fol. 85 tal-process jirrizulta li Peter Montebello ghan-nom ta' JPM Brothers kien applika ma' l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjannar ghall-hrug ta' permess ghall-izvilupp fuq il-proprjetà tar-Rahal Gdid fl-**2001** ossia ben sentejn qabel ma' l-proprjetà ghaddiet ghand Trenchy Limited u l-istess ahwa Montebello akkwistaw interess dirett fl-imsemmija socjetà. Rinfaccjat b'dan il-fatt in kontro-ezami waqt is-seduta tal-15 ta' Novembru 2012[14], Emanuel Zammit iddikjara li ma kien jaf assolutament xejn dwar din l-applikazzjoni u li Peter Montebello qatt ma talbu l-ebda permess biex jissottometti din l-applikazzjoni fuq l-art dak iz-zmien proprjetà tas-socjetà Rikorrenti. Dak minnu affermat però gie kontradett minn Jeffrey Montebello li ghad illi kien xhud ferm reticenti f'dawn il-proceduri, fir-rigward ta' dan il-punt partikolari ddikjara li ma tistax tapplika fuq art li mhux tieghek, bilfors li tkun ghedtilhom (lis-sidien) ghax il-MEPA ma tilqax applikazzjoni jekk l-art ma tkunx tieghek. Jigifieri jrid ikollhom xi karta li tawni l-go ahead li napplika u jinsab ukoll kontradett mill-Ligi kif kienet vigenti dak iz-zmien, senjatament mill-Artikolu 32(1) sa' (4) ta' l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Izvilupp, Kap.356 tal-Ligijiet ta' Malta, li kien jipprovdi: (1) Kull min jixtieq jaghmel zvilupp, li ma jkunx zvilupp li ghalih permess huwa moghti f'ordni dwar zvilupp u li jsir skond id-disposizzjonijiet ta' dak l-ordni, ghandu japplika lill-Awtorità ghal permess ghal zvilupp, b'dak il-mod, f'dik il-forma u moghtija dik l-informazzjoni li l-Awtorità tista' tippreskrivi. (2) Kulhadd jista' ukoll japplika lill-Awtorità sabiex jigi deciz jekk proposta tikkostitwix zvilupp u tehtiegx permess ghal zvilupp. (3) Min japplika ghal permess ghall-izvilupp ghandu jiccertifika lill-Awtorità li huwa s-sid ta' l-art jew li avza lis-sid bl-intenzjoni li japplika b'ittra registrta li l-Awtorità tkun irceviet kopja taghha. (4) L-Awtorità ghandha, a spejjez ta' min japplika,*

[14] Fol. 159 sa' 175 tal-process.

*tara li l-proposta u l-isem ta' min japplika jigu pubblikati fl-istampa lokali u imxandra bl-avviz fuq il-post.*

*Fattur iehor ferm interessanti li rrizulta mill-provi prodotti mill-Kummissarju tat-Taxxi huwa li in forza ta' kuntratt iehor fl-atti tan-Nutar Dottor Bartolomeo Micallef datat **28 ta' April 2003**[15], ossia l-istess gurnata tat-trasferiment tal-proprjetajiet fir-Rahal Gdid, Bugibba u tas-Sliema mis-socjetà Rikorrenti a favur is-socjetà Trenchy Limited, is-socjetà Samirjess Limited, socjetà ta' l-ahwa Montebello, hadet self minghand l-HSBC Bank Malta p.l.c. fl-ammont ta' Lm250,000, liema self gie garantit inter alia mis-socjetà Trenchy Limited, dak iz-zmien socjetà esklussivament ta' Emanuel Zammit u George Farrugia, bil-proprjetajiet tar-Rahal Gdid u Bugibba li kienet ghahda kemm akkwistat minghand is-socjetà Rikorrenti.*

*Meta allura jigi kkunsidrat li: (a) sa' mill-**2001** kienu l-ahwa Montebello u mhux George Farrugia u/jew Emanuel Zammit u/jew is-socjetà Rikorrenti li kienu qed juru interess attiv fl-izvilupp ta' l-art sitwata fir-Rahal Gdid; li (b) is-socjetà Trenchy Limited, ghad illi giet kostitwita bi shab bejn George Farrugia u Emanuel Zammit, già socji fis-socjetà Rikorrenti, fl-**20 ta' Jannar 2003**, fuq medda ta' ftit xhur, senjatament bejn **Jannar 2003 u Lulju 2003**, ghaddiet fil-kontroll komplet u assolut proprio ta' l-ahwa Montebello; **u** li (c) il-proprjetajiet akkwistati minn Trenchy Limited gew immedjatament utilizzati bhala garanzija kontra self li s-socjetà Samirjess Limited hadet minghand l-HSBC Bank Malta p.l.c., l-unika konkluzjoni li wiehed jista' jasal ghaliha hi li s-socjetà Rikorrenti riedet tittrasferixxi l-proprjetajiet in kwistjoni lill-ahwa Montebello tramite s-socjetajiet taghhom, u li t-trasferiment ta' l-istess proprjetajiet mis-socjetà Rikorrenti a favur is-socjetà Trenchy Limited in forza tal-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Bartolomeo Micallef datata 28 ta' April 2003, kien biss veikolu biex is-socjetà Rikorrenti tevita li thallas it-taxxa dovuta fuq tali trasferiment, liema taxxa hija taxxa a tenur ta' l-Artikolu 4(1)(a) tal-Kap.123 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Ghall-finijiet ta' l-Artikolu 51 tal-Kap.123 tal-Ligijiet ta' Malta u dwar jekk trasferiment jikkostitwixxix o meno skema artificjali intiza biex jigi evitat il-hlas tat-taxxa dovuta, dak li ghandu jigi kkunsidrat ma huwiex it-trasferiment tat-proprjetà isolatament, kif tippretendi s-socjetà Rikorrenti, izda l-elementi **kollha** marbuta ma' u li jiccirkondaw tali trasferiment, hekk kif fil-fatt ghamel u debitament ipprova li ghamel il-Kummissarju tat-Taxxi. Din l-osservazzjoni tat-Tribunal issib konferma a f'dak osservat minn Lord Wilberforce fid-decizjoni **Ramsay Ltd. v. IRC**. Dwar il-mertu tal-kaz Lord Wilberforce osserva li: [This] is an appeal by W. T. Ramsay Ltd., a farming company. In its accounting period ending May 31, 1973, it made a "chargeable gain" for the purposes of corporation tax by a sale-leaseback transaction. This gain it desired to counteract, so as to avoid the tax, by establishing an allowable loss. The method chosen was to purchase from a company*

[15] Dok. "JM2" a fol. 220 sa' 229 tal-process.

*specializing in such matters a ready-made scheme. The general nature of this was to create out of a neutral situation two assets one of which would decrease in value for the benefit of the other. The decreasing asset would be sold, so as to create the desired loss; the increasing asset would be sold, yielding a gain that it was hoped would be exempt from tax. Dwar ir-rwol tal-Qorti fir-rigward ta' skemi intizi ghall-evitar tal-hlas ta' taxxa u b'mod partikolari fir-rigward ta' l-skema ezaminata fil-kaz in kwistjoni Lord Wilberforce osserva: it is the task of the Court to ascertain the legal nature of any transaction to which it is sought to attach a tax or a tax consequence and if that emerges from a series or combination of transactions intended to operate as such, it is the series or combination which may be regarded ... [It would be ] a faulty analysis, to pick out, and stop at, the one step in the combination which produced the loss, that being entirely dependent upon, and merely, a reflection of the gain. The true view, regarding the scheme as a whole, is to find that there was neither gain nor loss and so I conclude".*

*Dan l-istess hsieb gie ribadit minn Lord Diplock fid-decizjoni **Inland Revenue Commissioners v. Burmah Oil**: It would be disingenuous to suggest, and dangerous on the part of those who advise on elaborate tax avoidance schemes to assume, that Ramsay's case did not mark a significant change in the approach adopted by this House in its judicial role to a preordained series of transactions (whether or not they include the achievement of a legitimate commercial end) into which there are inserted steps that have no commercial purpose apart from the avoidance of a liability to tax that, in the absence of those particular steps, would have been payable u mill-gdid minn Lord Brightman fid-decizjoni **Furniss v. Dawson**: first, there must be a pre-ordained series of transactions; or, if one likes, one single composite transaction. This composite transaction may or may not include the 16 achievement of a legitimate commercial (i.e. Business) end. ... Secondly, there must be steps inserted which have no commercial (business) purpose apart from the avoidance of a liability to tax – not "no business effect". If those two ingredients exist, the inserted steps are to be disregarded for fiscal purposes. The court must then look at the end result. Precisely how the end result will be taxed will depend on the terms of the taxing statute sought to be applied u iktar recenti fid-decizjoni **Schofield v. HMRC** which involved a capital gains tax avoidance scheme. The Upper Tribunal confirmed that four option contracts forming part of the avoidance scheme constituted a single, composite transaction and so the scheme failed to achieve the desired tax advantage. Akin to earlier case law, the Upper Tribunal applied existing case law, to disallow the scheme on the basis of the circularity of the transaction. The Tribunal focused on the ultimate outcome of the scheme, therefore making it more difficult for taxpayers contemplating such schemes to avoid a challenge by HMRC by contriving to design a tax avoidance scheme to appear more commercial.*

*Biex tirribatti ghall-konkluzzjonijiet tal-Kummissarju tat-Taxxi fir-rigward tan-natura vera tat-trasferiment bis-sahha tal-kuntratt fl-atti tan-Nutar*

*Dr. Bartolomeo Micallef datat 28 ta' April 2003 u ghall-posizzjoni minnu adottata fil-konfront taghha, is-socjetà taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet* ***Busuttil & Busuttil Holdings Limited v. Kummissarju tat-Taxxi Interni****, deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-17 ta' April 2009, fejn inghad illi min jallega l-mala fede jew it-tentattiv ta' evazjoni ghandu, b'oneru, jressaq il-prova, soda u konvincenti, ta' din l-allegazzjoni tieghu. Jikkonsegwi fil-kaz partikolari illi kien jinkombi fuq il-Kummissarju appellant li jipprova li giet prattikata mill-kumpannija skema bi hsara tal-Fisco. Filwaqt li t-Tribunal jaqbel mal-principju enuncjat mill-Qorti ta' l-Appell fl-imsemmija sentenza, iqis li fil-kaz in ezami, kif del resto hawn iktar 'l fuq osservat, il-Kummissarju tat-Taxxi effettivament issodisfa tali oneru impost fuqu u debitament ipprova li bit-trasferiment mertu ta' dawn il-proceduri s-socjetà Rikorrenti effettivament ipprattikat skema bi hsara tal-Fisco.*

*Is-socjetà Rikorrenti tikkontendi wkoll li l-Artikolu 51(2) tal-Kap.123 tal-Ligijiet ta' Malta ma jsibx applikazzjoni fil-kaz in ezami, u per konsegwenza t-trasferiment tal-proprjetajiet fir-Rahal Gdid, tas-Sliema u Bugibba a favur is-socjetà Trenchy Limited ma jistax jitqies li jikkostitwixxi skema artificjali li l-uniku ghan taghha jew l-ghan ewlieni taghha jkun li jinkiseb xi vantagg li ghandu effett li jevita l-hlas tat-taxxa, ghaliex f'dan il-kaz il-Kummissarju tat-Taxxi ma harigx ordni bil-miktub kif previst f'dak l-Artikolu tal-Ligi izda stima ai termini ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Fil-fehma tat-Tribunal però tali affermazzjoni u konsegwenti pretensjoni tas-socjetà Rikorrenti ma hijiex guridikament sostenibbli u l-fatt li l-Kummissarju tat-Taxxi hareg stima fil-konfront taghha minflok ordni bil-miktub ma ghandux iwassal biex trasferiment li evidentement huwa skema artificjali li l-uniku ghan taghha jew l-ghan ewlieni taghha jkun li jinkiseb xi vantagg li ghandu effett li jevita l-hlas tat-taxxa dovuta, jizloq mill-iskrutinju u konsegwenti censura tal-Ligi u ta' dan it-Tribunal.*

*Meta dak provdut fl-Artikolu 51(2) tal-Kap.123 tal-Ligijiet ta' Malta, ossia li meta xi persuna, bhala rizultat dirett jew indirett ta' xi skema li l-uniku ghan taghha jew l-ghan ewlieni taghha jkun li jinkiseb xi vantagg li ghandu effett li jevita, inaqqas jew jipproponi l-hlas tat-taxxa li ghandha tithallas, jew li jinkiseb xi hlas lura jew tpattija ta' taxxa, tkun kisbet jew tkun f'qaghda li tikseb dak il-vantagg, il-Kummissarju ghandu,* ***b'ordni bil-miktub****, jistabilixxi t-taxxa li ghandha tithallas jew il-jedd ghal hlas lura jew ghal tpattija ta' taxxa ta' l-imsemmija persuna, jew ta' xi persuna ohra, ghas-sena ta' stima hekk stabbilita, b'dak il-mod u ghal dak l-ammont li jkun mehtieg, fic-cirkostanzi tal-kaz, biex tigi annullata jew modifikata l-imsemmija skema u il-vantagg li johrog minnha… jigi kkunsidrat fil-prospettiva reali u proprja tieghu, jirrizulta b'mod car li dak li effettivament ikun qed jaghmel il-Kummissarju tat-Taxxi b'dak l-ordni bil-miktub hu li jiddetermina u jillikwida it-taxxa skontu dovuta mit-taxpayer ghas-sena ta' stima partikolari, ossia pratikament l-istess haga li jkun qed jaghmel meta johrog stima ghal sena ta' stima partikolari. B'hekk il-fatt li a bazi u ghall-finijiet ta' l-Artikolu 51(2) tal-*

*Kap.123 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Kummissarju tat-Taxxi johrog stima ta' taxxa fil-konfront tat-taxpayer minflok semplici ordni bil-miktub huwa ma jkun qed jaghmel assolutament xejn kontra dak lilu permess fil-Ligi u bl-ebda mod ma jkun qed jippregudika lit-taxpayer u d-drittijiet tieghu. In effetti t-taxpayer jista' jappella minn kwalunkwe stima li ssir fil-konfront tieghu daqskemm jista' jappella minn ordni bil-miktub maghmul a tenur ta' l-Artikolu 51(2) tal-Kap.123 tal-Ligijiet ta' Malta u r-regoli dwar l-oggezzjoni u/jew appell minn tali ordni huma l-istess bhal dawk li jirregolaw appelli minn stimi.*

*Is-socjetà Rikorrenti tishaq li t-trasferiment in kwistjoni, anke jekk fl-aghar ipotesi ghaliha kellha tkun dovuta taxxa fuq il-qligh iggenerat minn tali trasferiment, jaqa' entro l-parametri ta' l-Artikolu 5 tal-Kap.123 tal-Ligijiet ta' Malta li jittratta dwar it-taxxa fuq il-qligh kapitali, u mhux entro l-parametri ta' l-Artikolu 4(1) tal-Kap.123 tal-Ligijiet ta' Malta li jittratta dwar it-taxxa fuq l-income. Hawnhekk is-socjetà Rikorrenti qed tirribatti dak affermat mill-Kummissarju tat-Taxxi fir-Risposta tieghu ghall-appell taghha u cioè li l-kumpannija appellanta kienet giet stabbilita sa' mill-bidu nett sabiex tizviluppa u/jew tinnegozja fil-proprjetà. Illi l-proprjetà in kwistjoni ta' din il-vertenza giet trasferita minghand Charm Development Limited ghal ghand Trenchy Limited kienet tifforma parti mill-istokk ta' proprjetà li kienet lesta sabiex tigi mibjugha jew b'xi mod negozjata mill-kumpanija appellanta, u allura kienet tifforma parti mit-trading stock taghha, u ma kienetx tifforma parti mill-fixed assets tal-kumpannija appellanta. Illi b'hekk, kull qligh li seta' sar mill-bejgh jew trasferiment tal-proprjetà ta' din il-kumpannija seta' biss jitqies bhala qligh min-negozju u ghalhekk taxxabbli ai termini ta' l-Artikolu 4(1)(a) tal-Kap.123 u mhux qligh kapitali u l-provedimenti ta' l-Artikolu 5(9) tal-Kap.123 ma japplikawx ghat-trasferiment in kwistjoni in kwantu dan l-artikolu jitratta dwar qligh kapitali*[16]*.*

*Fin-Nota ta' Sottomissjonijiet taghha s-socjetà Rikorrenti tissottometti li fir-risposta ghar-rikors ta' l-appell … l-intimat qal illi l-qligh mit-trasferiment in kwistjoni ma kienx qligh kapitali imma qligh taxxabbli taht l-Artikolu 4(1)(a) (qligh minn negozju), u kwindi ma setghetx tigi invokata l-ezenzjoni prevista fl-artikolu 5(9) imsemmi. Jigi sottomess bir-rispett illi din ir-raguni ghandha tigi injorata:- a. Fl-ewwel lok, tikkonfliggi mal-pretensjoni li kien hemm tentattiv ta' evazjoni tat-taxxa fuq il-qligh kapitali ghax jekk ma kienx hemm qligh kapitali ma setax kien hemm evazjoni ta' taxxa fuq dak il-qligh. b. Dan il-process huwa appell mid-decizjoni li biha kienet giet rifjutata l-oggezzjoni u l-oneru tar-rikorrent huwa li juri li l-motivi ta' dik id-decizjoni ma kienux validi. Jekk jirrizulta illi ma kienx hemm skema ta' evazjoni ta' taxxa, id-decizjoni tigi bla motiv validu u tkun trid tigi imwarrba. Ghalhekk, mhux lecitu li jingiebu motivi godda u differenti f'dan l-istadju. c. Fit-tielet lok, Carmel Gatt, ghan-nom ta' l-intimat, iddikjara fl-affidavit tieghu illi wara li giet ezaminata l-oggezzjoni tas-socjetà rikorrenti l-ufficjali inkarikati ikkonkludew li "il-mod ta' kif giet trasferita l-proprjetà kien jindika l-*

[16] Para. 21 sa' 23 tar-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi, fol. 15 tal-process.

*ezistenza ta' skema li tnaqqas l-ammont ta' taxxa dovuta" … li Trenchy Limited u Charm Developments Limited "kienu jissodisfaw il-kondizzjonijiet ta' l-Artikolu 5(9)(i)(b)" … u li a bazi ta' dak l-artikolu, it-trasferiment in kwistjoni "kien gie ezentat mit-taxxa fuq il-qligh kapitali" … Ghalhekk, l-intimat ma jistax fl-istess hin jghid li t-trasferiment kien eskluz mill-ambitu ta' l-artikolu 5*[17]*.*

*Fil-fehma tat-Tribunal dak sottomess u konsegwentement pretiz mis-socjetà Rikorrenti f'dan ir-rigward ma huwiex sostenibbli in kwantu bbazat fuq perspettiva distorta tal-fatti reali li jikkaratterizzaw it-trasferiment tal-proprjetajiet f'Rahal Gdid, tas-Sliema u Bugibba mill-istess socjetà Rikorrenti a favur is-socjetà Trenchy Limited.*

*Fid-Decizjoni tat-30 ta' Settembru 2011 il-Kummissarju tat-Taxxi ikkonstata u ikkonkluda li: the setting up of Trenchy Limited was just part of a tax avoidance scheme created by the shareholders of Charm Limited i.e. Mr. George Farrugia and Mr. Emanuel Zammit solely for the purpose of providing Charm Limited with an excuse to avail itself of the exemption from Capital Gains Tax as provided under Article 5(9) of the Income Tax Act, regarding the transfer of the property held by Charm Limited, situated in Bugibba, Sliema and Paola, to the ultimate owners JPM Brothers Limited, (ii) Given the existence of such a tax avoidance scheme, Charm Limited was not entitled to claim the exemption provided under Article 5(9) of the Income Tax Act, and so was obliged to declare the transfer of this property as a taxable transaction, and tax had to be paid upon the transfer of such property. (b) The transfer value of the property sold has been understated*[18]*.*

*Kuntrarjament ghal dak pretiz mis-socjetà Rikorrenti, fid-Decizjoni appellata il-Kummissarju tat-Taxxi mhux qed jghid jew jimplika li s-socjetà Rikorrenti ippruvat tevadi l-hlas tat-<u>taxxa fuq il-qligh kapitali</u> qual' volta dovut a tenur ta' l-Artikolu 5 tal-Kap.123 tal-Ligijiet ta' Malta, imma dak li qed jghid huwa li bil-mod kif gie imfassal it-trasferiment tal-proprjetajiet f'Rahal Gdid, Tas-Sliema u Bugibba mis-socjetà Rikorrenti a favur is-socjetà Trenchy Limited, is-socjetà Rikorrenti ppruvat tevadi l-hlas tat-taxxa dovuta fuq tali trasferiment, bin-natura tat-taxxa tigi determinata fid-dawl jekk it-trasferiment ghandux jitqies bhala negozju jew inkella bhala trasferiment ta' assi kapitali. Una volta li l-Kummissarju tat-Taxxi gustament wasal ghall-konkluzjoni li t-trasferiment kif imfassal ma kien xejn ghajr skema artificjali intiza biex jigi evitat il-hlas ta' taxxa dovuta, huwa necessarjament kellu jikkonkludi li fl-ewwel lok l-esenzjoni kontemplata fl-Artikolu 5(9) tal-Kap.123 tal-Ligijiet ta' Malta ma tapplikax ghal dan it-trasferiment, u dana billi c-cirkostanzi tat-trasferiment bhala intra group transfer gew imfassla bi skop preciz ta' evazjoni tat-taxxa, u fit-tieni lok li hija dovuta taxxa a tenur ta' l-Artikolu 4(1)(a) tal-Kap.123 tal-Ligijiet ta' Malta in kwantu t-trasferiment in kwistjoni ma kien xejn ghajr negozju car ta' trasferiment ta' trading stock tas-socjetà Rikorrenti a favur l-ahwa Montebello.*

[17] Para. 4 tan-Nota ta' Sottomissjonijiet tas-socjetà Rikorrenti, fol. 296 u 297 tal-process.
[18] Dok. "KTI16" a fol. 84 tal-process.

*Il-fatt li t-transazzjoni in kwistjoni ma kienet xejn ghajr att ta' negozju bejn is-socjetà Rikorrenti u l-ahwa Montebello jirrizulta b'mod car kemm minn dak dikjarat minn George Farrugia u Emanuel Zammit, entrambe rapprezentanti tas-socjetà Rikorrenti, kif ukoll mill-provi prodotti mill-Kummissarju tat-Taxxi. In effetti kemm George Farrugia u Emanuel Zammit iddikjaraw li b'mod partikolari l-proprjetajiet sitwati f'Rahal Gdid u Bugibba kienu intizi ghall-izvilupp u li bhala fatt kienu già bdew jivziluppawhom izda tali zvilupp kien ghadu mhux kompletat saz-zmien li ddecidew li jittrasferixxu l-istess a favur l-ahwa Montebello. Fil-kontro-ezami tieghu Emanuel Zammit bla ebda ezitazzjoni ddikjara li Tas-Sliema ma kienx hemm x'tizviluppa, ghax kien basement antik allura ma kienx hemm x'tizviluppa u Bugibba kellna l-hsieb, fil-fatt konna bdejna nzviluppawha din diga, ta' Bugibba konna bdejna nizviluppaw xi haga u dwar il-proprjetà fir-Rahal Gdid iddikjara le dik kienet ghall-istess, konna bdejna, konna qattajna xi blat fiha dik imma l-bini kien ghadu ma sar xejn ghax ilhaqna kellna xi nghidu bejnietna u nbieghet. Dahal il-bank fuqna, bil-pressure tal-bank u nbieghet kif kienet*[19]*. Bl-istess mod George Farrugia in kontro-ezami ddikjara li n-natura tan-negozju tal-kumpanija kien xiri u bejgh ta' proprjetà u fuq mistoqsija tat-Tribunal jekk qattx ghamilna forma ta' zvilupp tal-proprjetà mixtrija imbaghad ergajna bieghhejniha nghid li kellna progett li naghmluha però baqa' ma sar qatt. … Meta ahna xtrajna dawn il-proprjetajiet immobbli f'Bugibba, f'Rahal Gdid u f'tas-Sliema, l-intenzjoni kienet li jigu zviluppati w imbaghad jinbiegh dak li jigi zviluppat, madanakollu peress li kellna xi nghidu bejnietna baqa' qatt ma sar xejn*[20]*. Apparte x-xhieda ta' George Farrugia u Emanuel Zammit hemm ukoll l-applikazzjoni ghall-izvilupp li saret ma' l-Awtorità ta' l-Ambjent u Ippjanar minn Peter Montebello ghan-nom ta' JPM Brothers fuq il-proprjetà tar-Rahal Gdid fi zmien, ossia fl-2001, meta din il-proprjetà kienet ghadha di proprjetà esklussiva tas-socjetà Rikorrenti. Din l-applikazzjoni turi bic-car li din il-proprjetà, minn dejjem intiza li tkun utilizzata ghall-finijiet ta' negozju, kienet effettivament qed tigi negozjata bejn is-socjetà Rikorrenti u l-ahwa Montebello. Dawn il-fatturi juru bic-car li t-trasferiment tal-proprjetajiet da parte tas-socjetà Rikorrenti a favur tas-socjetà Trenchy Limited ma kienx trasferiment ta' fixed assets tas-socjetà Rikorrenti izda kien trasferiment ta' trading stock li allura jwassal biex il-qligh minn tali trasferiment jigi intaxxat a tenur ta' l-Artikolu 4(1)(a) tal-Kap.123 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Dan appena osservat mit-Tribunal isib konferma fil-principji enuncjati mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza fl-ismijiet* ***A.B. v. Kummissarju tat-Taxxi Interni, Rik. Nru. 1/04*** *deciza fis-26 ta' Jannar 2005. Ghalkemm fl-imsemmija proceduri t-trasferiment in kwistjoni kien trasferima ta' ishma u mhux ta' proprjetà immobbli, it-Tribunal iqis li l-principji hemm enuncjati japplikaw anke f'kaz fejn l-oggett trasferit huwa*

[19] Xhieda in kontro-ezami moghtija waqt is-seduta tal-15 ta' Novembru 2012, fol. 159 sa' 173 tal-process.
[20] Xhieda in kontro-ezami moghtija waqt is-seduta ta' l-4 ta' Gunju 2013, fol. 180 sa' 183 tal-process.

*proprjetà immobbli, bhal fil-kaz in ezami. Fl-imsemmija sentenza in effetti l-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) ikkunsidrat illi: (1) Ma jitqiesx la logiku u lanqas guridiku, fl-isfond tar-rizultanzi processwali, illi meta l-appellant akkwista l-ishma dan ma ghamlux ghal fini tal-kummercjalità taghhom jew bi skop ta' lukru; (2) L-intenzjoni ma ghandhiex tigi valutata f' sens personalizzat u soggettiv, distakkat minn dawk ic-cirkostanzi li jservu biex jiddeterminaw il-hsieb prevalenti tal-parti u s-sens li jrid jigi attribwit lil dawn fid-dawl ta' l-iskop konkret, u li manifestament jezisti mill-kumpless organiku. Hsieb dan ispirat minn konsiderazzjonijiet determinati li jippersegwu finalità determinanti fil-mument li fih tinsorgi l-okkazjoni, kif hekk fil-fatt sehh; (3) Il-kwalifika li biha t-taxpayer jivvesti transazzjoni partikulari ma ghandhiex per se influwenza, ghall-konfigurabilità ta' l-istess transazzjoni, fuq min irid jiggudika. Naturalment, ghandu jinghad ukoll illi wiehed ma jistax a priori jikkonsidra dik il-kwalifika priva minn kull rilevanza jekk fil-fatt l-iskema negozjali ma tkunx tidher inkongruwa mar-realtà objettiva u l-modalità ta' kif zvolgiet it-transazzjoni; (4) Jibqa' l-fatt però illi l-identifikazzjoni korretta ta' l-att trid issir in bazi ghall-elementi estrinsici u l-kondotta komplessiva ta' l-operazzjoni, kif inkwadrata fil-fazi konklussiva ta' l-operazzjoni. F' dan il-kaz l-intenzjoni dezunta mill-provi giet mill-Bord estrikata minn dik l-interpretazzjoni oggettiva, intiza u mahsuba biex telimina kull ambigwita jew dubji[21]; (5) Ir-ragunijiet additati mill-appellant u l-ispejgazzjonijiet minnu forniti l-ghala biegh l-ishma ma ikkonvincewx lill-Bord. Ghal kuntrarju fuq il-provi attendibbli dan sab li dawk l-istess ragunijiet u spjegazzjonijiet la kienu possibbli u lanqas verosimili, anzi li l-vera intenzjoni kienet dik li l-ishma nxtraw ghal skop ta' spekulazzjoni u gwadann, u mhux li jibqa' jzommhom bhala "a capital asset".*

*Is-socjetà Rikorrenti tattakka u tikkontesta l-Likwidazzjoni ta' Taxxa ghas-sena ta' stima 2004 anke a bazi tal-valur tal-qligh kif determinat mill-Kummissarju tat-Taxxi. Fir-rigward hija tibda billi tikkontendi li kieku t-trasferiment tal-proprjetà kellu jitqies li kien taxxabbli, allura t-taxxa kellha tigi stmata fuq il-qligh, jigifieri d-differenza bejn il-prezz u d-deduzzjonijiet ammissibbli. Il-valur tas-suq mhux rilevanti. Il-valur tas-suq jista' jkun rilevanti ghat-taxxa tal-boll taht l-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti. Ghall-fini tal-kalkolu tal-qligh taxxabbli taht l-Att dwar it-Taxxa fuq l-Income, il-valur tas-suq huwa rilevanti meta t-taxxa tkun dovuta taht l-artikolu 5A (li però japplika ghal trasferimenti ta' wara Ottubru 2005) jew meta tkun dovuta in konnessjoni ma' trasferiment ta' ishma li jikkwalifika bhala trasferiment ta' controlling interest. Imma dawn ma humiex rilevanti ghall-kaz prezenti[22]. Mill-provi prodotti mill-Kummissarju tat-Taxxi però jirrizulta li l-Kummissarju ma bbazax il-konsiderazzjonijiet u konsegwenti konkluzzjonijiet tieghu fuq il-valur fuq is-suq tal-proprjetajiet trasferiti bis-sahha tal-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Bartolomeo Micallef datat 28 ta' April 2003, izda fuq il-valuri attribwiti lill-proprjetajiet in kwistjoni fil-kotba kemm tas-socjetà Rikorrenti kif ukoll tas-socjetà Trenchy Limited. Kwindi kwalunkwe*

[21] Sottolinear tat-Tribunal.
[22] Para. 14 u 15 tan-Nota ta' Sottomissjonijiet tas-socjetà Rikorrenti, fol. 299 u 300 tal-process.

*kontestazzjoni tas-soċjetà Rikorrenti għall-Likwidazzjoni magħmula mill-Kummissarju tat-Taxxi bbażata fuq tali argument u/jew sottomissjoni dwar l-applikabilità o meno jew aħjar ir-rilevanza o meno tal-valur fuq is-suq tal-proprjetajiet in kwistjoni, hija għal kollox irrilevanti u bħala tali mhux sostenibbli.*

*Mill-provi prodotti mill-Kummissarju tat-Taxxi jirriżulta li fil-kotba tas-soċjetà Rikorrenti l-proprjetà minnha trasferita kienet ivvalutata bil-mod segwenti: għall-valur ta' Lm1,581,889 għas-sena 2000 u Lm900,000 għas-sena 2001[23]. Fil-kotba tagħha s-soċjetà Trenchy Limited ivvalutat l-istess proprjetajiet fl-2003, ossia s-sena li fiha akkwistat l-imsemmija proprjetajiet, għall-valur ta' Lm2,000,000 bħala Fixed Assests – Investments u Lm385,466 bħala Current Assets – Stocks[24], għall-valur komplessiv ta' Lm2,385,466. Minn dan jidher għalhekk li fuq medda ta' ftit żmien, ossia bejn is-sena 2000 u s-sena 2003, proprjetà oriġinarjament ivvalutata għal Lm1,581,889, ġiet rivalutata għal Lm900,000 u rivalutata mill-ġdid għal Lm2,385,466. It-Tribunal, bħall-Kummissarju tat-Taxxi, huwa persważ u konvint li dawn il-valuri jikkuntrastaw bil-kbir mal-valur dikjarat fl-att ta' trasferiment ta' Lm700,000, iktar u iktar meta mill-valutazzjonijiet li għamlet is-soċjetà Rikorrenti stess f'Ottubru tas-sena 2002, ossia xi sitt xhur qabel ma' l-proprjetajiet f'Raħal Ġdid, tas-Sliema u Buġibba, ġew ivvalutati bil-mod segwenti – Raħal Ġdid – Lm600,000[25], Buġibba – Lm220,000[26] u Tas-Sliema – Lm40,000[27], għall-valur komplessiv ta' Lm860,000. Fid-dawl ta' dawn ir-riżultanzi fattwali t-Tribunal huwa konvint li l-Kummissarju tat-Taxxi kien ġustifikat f'li jikkonkludi li l-valur ta' Lm700,000 dikjarat fl-att ta' trasferiment ma kienx il-valur realment pattwit bejn il-partijiet kontendenti u kien daqstant ieħor ġustifikat f'li jieħu l-valur ta' Lm2,385,466 (ossia l-valur dikjarat fil-kotba ta' Trenchy Limited għas-sena 2003, li hija l-istess sena li fiha ġew akkwistati l-proprjetajiet in kwistjoni) bħala il-valur attwali tat-trasferiment u wasal għall-qligħ magħmul mis-soċjetà Rikorenti a bażi ta' tali ammont, wara li naqqas id-deduzzjonijiet rilevanti u dan kif jirriżulta mill-konteġġi a fol. 14 tal-proċess[28].*

*Ladarba l-Kummissarju tat-Taxxi irnexxielu jissosstanzja u jikkorobora l-konsiderazzjonijiet u konkluzzjonijiet tiegħu in bażi għal liema eventwalment ħareġ il-Likwidazzjoni ta' Taxxa hawn kontestata, kien jispetta lis-soċjetà Rikorrenti tipprova li dawk il-konsiderazzjonijiet u konkluzzjonijiet ma humiex validi u ġustifikati, prova li però fil-fehma tat-Tribunal ma saritx. Is-soċjetà Rikorrenti baqgħet tisħaq fuq il-fatt li l-valur reali tat-trasferiment kien il-valur ta' Lm700,000 u li ħadd, wisq inqas il-Kummissarju tat-Taxxi, ma jista' jargumenta kontra dan il-fatt in kwantu tali figura tirriżulta mill-att ta' trasferiment li huwa att pubbliku.*

[23] Dok. "KTI13", fol. 59 tal-proċess.
[24] Dok. "KTI14", fol. 72 tal-proċess.
[25] Dok. "KTI18$_{1\ \&\ 2}$" a fol. 86 u 87 tal-proċess.
[26] Dok. "KTI18$_{3\&4}$" a fol. 88 u 89 tal-proċess.
[27] Dok. "KTI18$_{7\&8}$" a fol. 92 u 93 tal-proċess.
[28] Para. 15 tar-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi għall-appell tas-soċjetà Rikorrenti.

*Filwaqt li t-Tribunal jaqbel li f'cirkostanzi normali l-valur dikjarat f'att ta' trasferiment jitqies li jirrispekkja il-valur effettiwament u attwalment pattwit bejn il-partijiet kontraenti u percepit mill-venditur, tali presunzjoni ma hijiex wahda inkonfutabbli partikolarment meta jissussistu mhux biss indikazzjonijiet cari izda addirittura provi sodisfacenti li l-verità hija mod iehor, hekk kif inhu l-kaz fil-kaz in ezami.*

*Meta George Farrugia, Emanuel Zammit u Jeffrey Montebello gew ilkoll rinfaccjati bid-diversi valuri dikjarati mis-socjetajiet minnhom rispettivament rapprezentanti fil-kotba taghhom, huma kollha rrikorrew ghall-iskuza li dwar dan jista' jitkellem u jispjega biss l-accountant ta' kull socjetà u huma ma jafu assolutament xejn u jekk il-Kummissarju jrid spjegazzjoni ghandu se mai jharrek lil tali accountant/accountants. Nonostante tali skuza però is-socjetà Rikorrenti ma ressqitx bhala xhud lill-accountant taghha biex jaghti spjegazzjoni tal-valuri attribwiti lill-proprjetajiet in kwistjoni w anke biex jispjega id-diversi transazzjonijiet li sehhew biex finalment il-proprjetajiet in kwistjoni jghaddu fil-proprjetà esklussiva ta' l-ahwa Montebello tramite s-socjetajiet taghhom. B'din l-ghazla li ma tressaqx bhala xhud lill-accountant taghha, is-socjetà Rikorrenti effettivament poggiet lill-Kummissarju tat-Taxxi fl-impossibilità li jaghmel il-mistoqsijiet mehtiega dwar il-valuri tal-proprjetajiet in kwistjoni u t-transazzjonijiet li sehhew u dana billi a tenur ta' l-Artikolu 34(4)(iii) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta, hlief fuq it-talba ta' l-appellant, ebda persuna ma tkun ezaminata dwar xi taghrig li jolqot lill-appellant meta dwar dak it-taghrif l-imsemmija persuna tkun marbuta bis-sigriet professjonali. Di fatti proprio a tenur ta' tali provvediment tal-Ligi t-Tribunal, permezz ta' Digriet datat 7 ta' Jannar 2014, cahad talba tal-Kummissarju tat-Taxxi biex iressaq bhala xhud tieghu lill-accountant tas-socjetà Rikorrenti.*

*Bl-istess mod, ghalkemm is-socjetà Rikorrenti tikkontendi li hija ttrasferiet il-proprjetajiet in kwistjoni ghall-prezz ta' Lm700,000 minhabba pressjoni mill- Bank biex thallas self li kellha, hija ma ressqet l-ebda prova konkreta fir-rigward. Ghalkemm mill-att ta' trasferiment jirrizulta li fuq it-trasferiment il-Bank of Valletta p.l.c. thallas is-somma ta' Lm700,000, skond is-socjetà Rikorrenti l-konsiderazzjoni ghat-trasferiment, tali hlas fih innifsu mhux prova konklussiva li l-Bank kien qed jaghmel pressjoni fuq is-socjetà Rikorrenti ghall-hlas. Mill-istess att jirrizulta li kien hemm ipoteki gravanti l-proprjetajiet in kwistjoni w allura mat-trasferment ta' l-istess tali ipoteki kellhom jigu ikkancellati, naturalment versu hlas lill-Bank, irrispettivament mill-fatt jekk il-Bank kienx dak iz-zmien qed jaghmel o meno pressjoni fuq is-socjetà Rikorrenti biex thallas is-self taghha.*

*Fid-dawl ta' dan kollu osservat ghalhekk it-Tribunal jirribadixxi li l-Kummissarju tat-Taxxi kien gustifikat f'li jipprocedi kif ghamel fil-konfront tas-socjetà Rikorrenti u li johrog Likwidazzjoni ta' Taxxa fil-konfront taghha ghas-sena ta' stima 2004, ibbazata tali stima fuq il-valur ta' Lm2,385,466, li kien il-valur dikjarat ta' dik il-proprjetà fil-kotba tas-socjetà Trenchy Limited, is-socjetà akwirenti, f' Settembru 2003,*

*perijodu ferm qrib it-trasferiment in kwistjoni u fi zmien meta l-permess ghall-eventwali zvilupp ta' l-A3 Towers kien ghadu ma nharigx.*

*In kwantu rigwarda t-taxxa addizzjonali u l-imghax imposti fuq is-socjetà Rikorrenti jigi osservat li dawn jigu imposti ai termini tal-Ligi fic-cirkostanzi kongruwi, li jinkludu cirkostanzi bhal dawk mertu tal-kaz in ezami, u konsegwentement ghalhekk il-Kummissarju tat-Taxxi gustament ghadda biex jillikwida u jimponi taxxa addizzjonali w imghax fuq is-socjetà Rikorrenti oltre it-taxxa likwidata ghas-senata' stima 2004.*

*Fid-dawl ta' dan kollu osservat it-Tribunal iqis li l-appell tas-socjetà Rikorrenti mill-Likwidazzjoni ta' Taxxa ghas-sena ta' stima 2004 u mid-Decizjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi datata 30 ta' Settembru 2011, ma huwiex gustifikat u b'hekk ma jisthoqqx li jigi milqugh.*";

5. Charm ħassitha aggravata bis-sentenza appellata u b’Rikors tal-Appell imressaq minnha fil-25 ta’ April, 2017, u għar-raġunijiet hemm imfissra, talbet li din il-Qorti jogħġobha tħassarha u tirrevokaha billi tħassar il-likwidazzjoni ta’ taxxa magħmula kontriha mill-Kummissarju appellat dwar is-sena ta’ stima 2004 u għalhekk tħassar ukoll id-deċiżjoni li l-imsemmi Kummissarju ta fit-30 ta’ Settembru, 2011, li biha ċaħad il-kontestazzjoni tagħha mill-imsemmija likwidazzjoni, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-Kummissarju appellat;

6. Għall-appell imsemmi, il-Kummissarju appellat laqa’ billi bi Tweġiba li ressaq fis-16 ta’ Mejju, 2017 u għar-raġunijiet hemm imfissra, qal li din il-Qorti jmissha tiċħdu u b’hekk tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra Charm;

7. Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet waqt is-smigħ tat-12 ta' Ottubru, 2021;

8. Rat l-atti kollha tal-kawża;

9. Rat li l-appell tħalla għas-sentenza;

***Ikkonsidrat:***

10. Illi dan huwa każ ta' kontestazzjoni dwar likwidazzjoni ta' taxxa tad-dħul. Charm tgħid li l-likwidazzjoni magħmula mill-Kummissarju appellat dwar is-sena ta' stima 2004 ("Avviż ta' Likwidazzjoni (Rifjut)") kienet ħażina, bħalma ħażina wkoll kienet id-deċiżjoni tiegħu li jwarrab il-kontestazzjoni li ressqitlu għal dik il-likwidazzjoni ("Avviż ta' Rifjut ta' Oġġezzjoni"). L-avviż tal-likwidazzjoni nħareġ fit-12 ta' Lulju, 2010[29] (għalkemm inħareġ avviż rivedut fl-1 ta' Awwissu, 2011[30], wara li Charm irreġistrat oġġezzjoni mal-Kummissarju għall-ewwel avviż[31]), filwaqt li d-deċiżjoni tal-Kummissarju appellat li biha ċaħad l-oġġezzjoni ta' Charm ingħatat fit-30 ta' Settembru, 2011[32], u n-notifika tagħha ngħatat lil Charm fil-bidu ta' Diċembru tal-2011. Charm ressqet il-każ tagħha quddiem it-Tribunal fit-30 ta' Diċembru tal-2011. Il-likwidazzjoni saret mill-

[29] Dok "KTI10", f'paġġ. 45 – 6 tal-proċess.
[30] Dok "KTI15", f'paġġ. 81 – 3 tal-proċess.
[31] Dok "KTI12", f'paġġ. 50 – 2 tal-proċess.
[32] Dok "KTI16", f'paġ. 84 tal-proċess.

Kummissarju wara li, matul Ġunju tal-2008[33], nieda stħarriġ ta' *risk analysis* fuq it-trasferimenti li Charm kienet għamlet matul l-2003, b'mod partikolari dawk li saru bil-kuntratt pubbliku tat-28 ta' April, 2003[34]. Sa ma nħareġ l-ewwel Avviż ta' Likwidazzjoni mill-Kummissarju f'Lulju tal-2010, Charm ma kinitx għadha bagħtet id-denunzja ("*returns*") tagħha tat-taxxa tad-dħul għas-sena ta' stima 2004, liema denunzja bagħtitha biss f'Settembru tal-2010[35], wara li diġa` kien intemm l-eżerċizzju mniedi mill-Kummissarju u ftit wara li nħareġ l-ewwel avviż ta' likwidazzjoni ta' taxxa;

11. Illi l-Qorti dehrilha li kellha tirriproduċi l-biċċa l-kbira mis-sentenza appellata għaliex minnha wieħed jifhem il-qafas fattwali li fih seħħ dan il-każ, it-tifsir li ta t-Tribunal fis-sentenza appellata u kif ukoll il-ħsieb wara l-aggravji mressqin minn Charm dwar l-imsemmija sentenza;

12. Illi Charm tqajjem **tliet aggravji** mis-sentenza appellata: l-ewwel wieħed jgħid li t-Tribunal ħaddem b'mod ħażin l-aspett tal-piż tal-provi u ma ħarisx il-garanziji proċedurali meħtieġa b'mod li b'hekk fisser u applika l-liġi b'mod ħażin; it-tieni wieħed hu li l-qligħ mill-bejgħ tal-ġid trasferit minnha lil Trenchy ma kienx suġġett għat-taxxa; u t-tielet aggravju jgħid li l-Kummissarju ma stmax it-taxxa mitluba skont ma titlob il-liġi. Charm tippreċiża li l-aggravji li fuqhom issejjes l-appell tagħha jirrigwardaw punti

[33] Dok "CG16", f'paġ. 275 tal-proċess.
[34] Dokti "A" u 'JM6", f'paġġ. 128 sa 132 u 243 – 7 tal-proċess.
[35] Dok "KTI11", f'paġġ.47 – 9 tal-proċess.

ta' liġi li, għalkemm mhumiex espressi fis-sentenza appellata, huma magħġuna mal-proċeduri li wasslu għaliha;

13. Illi bl-**ewwel aggravju** tagħha Charm tgħid li, minbarra li l-avviż tal-Kummisarju jippretendi l-ħlas ta' somma qawwija ta' taxxa pura, hemm imdendla fuq rasha wkoll somom konsiderevoli ta' multi amministrattivi u mgħaxijiet li jiżdiedu ma' kull xahar li jgħaddi u li ma hemmx dubju li se jħallu effetti serji ħafna fuqha. Tgħid li tali effetti jmisshom jitqiesu bħala riperkussjonijiet penali, minkejja li uffiċjalment jistgħu jissejħu bħala multi amministrattivi. B'hekk jiġi li f'każ bħal tagħha, it-Tribunal kien imissu jħaddem sewwa r-regoli tal-jedd għal smigħ xieraq, partikolarment dwar dawk ir-regoli li jħarsu l-proċedimenti ta' natura penali. Fost l-imsemmija regoli Charm issemmi l-kwistjoni ta' kif imissu jkun regolat il-piż u l-grad tal-prova meħtieġa u l-jedd tal-parti mixlija għas-skiet, u tilmenta li t-Tribunal ittratta l-provi mressqa quddiemu "b'mod leġġer" u billi "straħ estensivament fuq l-asserzjonijiet magħmula mill-Kummissarju" appellat. Charm tgħid li l-Kummissarju ma ta l-ebda każ tal-iskema li taħtha hija kellha l-jedd tibbenefika minn tnaqqis ta' ħlas ta' taxxa u qabad u nqeda bis-setgħat li jagħtih l-Artikolu 51 tal-Kapitolu 123 biex joħroġ stima kif jidhirlu hu b'mod li t-Tribunal ma qiesx jekk kemm-il darba l-Kummissarju appellat użax b'mod għaqli u raġonevoli d-diskrezzjoni li tagħtih il-liġi (Charm issejjaħ l-eżerċizzju mwettaq mill-Kummissarju bħala

"spekulazzjoni arbitrarja" msejsa "fuq eżerċizzju kartaċeju mingħajr ma ħa kont tal-valur reali tas-suq ..");

14. Illi l-Kummissarju appellat laqa' għal dan l-aggravju billi warrab b'qawwa x-xilja li t-Tribunal naqas milli jħares il-jeddijiet proċedurali tal-partijiet. Huwa jgħid li, bħall-aggravji kollha ta' Charm, dan l-ewwel aggravju huwa msejjes fuq l-apprezzament fattwali li t-Tribunal għamel u semma fis-sentenza appellata u, minħabba f'hekk biss, dan l-aggravju ma jmissux jintlaqa' għaliex il-liġi tgħid li ma jista' jsir l-ebda appell mid-deċiżjoni tat-Tribunal jekk mhux fuq punt ta' liġi biss[36]. Minkejja dan, huwa jisħaq li kemm hu (id-Dipartiment) u kif ukoll it-Tribunal ħarsu b'mod skrupoluż dak li titlob il-liġi matul il-kawża u Charm ma tistax twaħħal fih jew fit-Tribunal jekk għażlet li ma tressaq l-ebda prova biex isaħħaħ il-każ tagħha. Fuq kollox, huwa jgħid li dak li Charm issemmi fl-ewwel aggravju tagħha qiegħda tagħmlu l-ewwel darba f'dan l-istadju u ma ressqet l-ebda argument bħal dan quddiem it-Tribunal. Għalhekk, billi din hija Qorti ta' reviżjoni, ma għandux ikun li l-appell issa jitlobha tistħarreġ ilment li ma kienx tqajjem fl-ewwel istanza. Billi Charm tipprova tistor dan l-aggravju taħt id-dehra ta' lment ta' ksur ta' jeddijiet fundamentali, xorta waħda ma jġibx bidla fil-fatt li dan l-ilment ma kienx tqajjem qabel ma ngħatat is-sentenza appellata u wkoll għaliex din il-Qorti ma għandhiex il-mansjoni li tistħarreġ ilmenti ta' ksur ta' jeddijiet fundamentali;

---

[36] Artt. 35(5) u 37(1) tal-Kap 372.

15. Illi l-Qorti tagħraf li Charm innifisha tgħid li l-appell tagħha jinbena fuq l-apprezzament li t-Tribunal għamel tal-fatti li kellu quddiemu. Ħaġa bħal din, fil-każijiet normali, iġġib magħha d-dikjarazzjoni kważi-sakramentali li din il-Qorti tat-tieni grad ma taqbadx u tibdel dak l-apprezzament kif ġieb u laħaq, jekk mhux għaliex ikun hemm raġuni gravi u serja li twassal biex isir dan ħalli jsir ħaqq ma' kulħadd. B'żieda ma' dan, f'każijiet bħal dak imressaq quddiem il-Qorti f'din il-kawża, hija l-liġi nnifisha li tgħid li appelli minn sentenzi tat-Tribunal li jirrigwardaw ħwejjeġ marbuta ma' kwistjonijiet ta' taxxa tad-dħul jistgħu jitressqu biss fuq punt ta' dritt. Il-Kummissarju appellat jisħaq, għalhekk, li l-appell imressaq minn Charm imissu jitwarrab għaliex mhux ammissibbli[37];

16. Illi l-Qorti tilqa' s-sottomissjonijiet tal-Kummissarju appellat f'dan ir-rigward u ttenni li huma minnhom. Imma l-aggravju hawn mistħarreġ tabilħaqq imiss ħwejjeġ ta' xejra legali li jmorru lil hinn mis-sempliċi apprezzament tal-fatti. Iż-żewġ konsiderazzjonijiet ta' dritt miġbura f'dan l-ewwel aggravju – il-kwistjoni tal-piż tal-prova meħtieġ u fuq min jaqa' u dik dwar jekk fl-għamla tal-proċeduri li kellu jsegwi t-Tribunal kellhomx jitħarsu s-salvagwardji ta' proċediment penali – huma ħwejjeġ li bl-ebda tiġbid tal-immaġinazzjoni ma jistgħu jitqiegħdu fil-keffa tal-apprezzament tal-provi u ta' fatt;

---

[37] App. Ċiv. **27.5.2015** fil-kawża fl-ismijiet ***Attard Brothers Co Ltd v. Kummissarju tat-Taxxi Interni.***

17. Illi l-Qorti fliet l-atti tal-kawża li kellu quddiemu t-Tribunal sa ma ġie biex jagħti s-sentenza appellata. Tqis li l-biċċa l-kbira minn dan l-ewwel aggravju ta' Charm jissejjes fuq l-argument li t-Tribunal kellu jħaddem ir-regoli ta' proċediment penali, ukoll f'dak li jolqot il-grad u l-piż tal-prova fil-każ tagħha. Kif jgħid il-Kummissarju appellat, il-kwistjoni li Charm tqajjem fl-ewwel aggravju tagħha dwar l-għamla ta' proċedura f'kawża bħal din u fuq min jaqa' l-piż tal-prova ta' dak allegat kontra d-denunzjant ma kien issemma fl-ebda waqt sa ma ngħatat id-deċiżjoni appellata. Fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħha[38] Charm titkellem biss dwar ix-xilja tal-evażjoni li ressaq kontriha l-Kummissarju appellat u kif f'każ bħal dak irid jitħaddem il-prinċipju li l-mala fidi m'għandhiex tkun preżunta u min jallegaha irid jippruvaha. Għal dik is-sottomissjoni, l-appellat laqa' bis-sottomissjonijiet tiegħu[39] u jidher ċar li t-Tribunal qies sew l-argumenti ta' naħa u kif ukoll tan-naħa l-oħra meta ġie biex jagħti s-sentenza appellata;

18. Illi l-Qorti hija tal-fehma li meta jitressaq appell quddiemha, trid taċċerta li ma jitressaqx quddiemha argument li ma jkunx issemma quddiem Qorti jew Tribunal tal-ewwel istanza, għaliex b'hekk jintilef il-jedd tal-partijiet għall-eżami doppju ta' dak l-argument[40]. Minħabba f'hekk, din il-Qorti tista' tieqaf hawnhekk dwar dan l-aspett tal-aggravju, ukoll jekk

[38] Paġġ. 296 sa 303 tal-proċess.
[39] F'paġġ. 317 sa 323 tal-proċess.
[40] Ara, b'eżempju, App. Inf. PS **9.11.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmen Mallia et v. Mario Spiteri***; u Kost. **25.3.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***David Norbert Schembri v. Avukat Ġenerali.***

jikkostitwixxi punt ta' dritt. Minkejja dan, il-Qorti tqis li l-istħarriġ li l-Kummisarju appellat nieda f'Ġunju tal-2008 u li wassal għall-ħruġ tal-avviż ta' likwidazzjoni ma kienx investigazzjoni kriminali. Barra minn hekk, il-piż ta' prova mistenni mill-Kummissarju f'każijiet bħal dan mhuwiex dak lil hinn minn kull dubju raġonevoli, u jkun biżżejjed li jilħaq il-grad ta' prova tajba kif mistenni fi proċediment ta' sura ċivili. Dan jingħad b'aktar saħħa fid-dawl ta' dak li jipprovdi wkoll l-Artikolu 35(3) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, li jitfa' saħansitra piż fuq id-denunzjant li jressaq provi kontra l-ilment tiegħu li stima ta' taxxa magħmula mill-Kummissarju hija waħda eċċessiva;

19. Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet jifdal li l-Qorti tqis l-ewwel aggravju dwar l-ilment li t-Tribunal naqas li jħares il-garanziji proċedurali tal-partijiet b'mod indaqs. Il-Qorti tqis li din ix-xilja mhix mistħoqqa. Minn qari b'reqqa tal-atti tal-kawża u kif ukoll tas-sentenza appellata, joħroġ ċar li kemm waqt li kienet miexja l-kawża u wkoll fl-istess sentenza appellata, it-Tribunal qies b'għaqal u b'ekwita` l-provi tax-xhieda u tad-dokumenti mressqa miż-żewġ partijiet. Immotivat ukoll ir-raġunijiet għaliex għażlet li toqgħod fuq provi u mhux fuq oħrajn. L-eżerċizzju mwettaq mit-Tribunal ma kienx wieħed irraġonevoli u bl-ebda mod ma ġiegħel lil Charm tagħmel xi ħaġa li biha hi jew xi rappreżentant tagħha seta' jinkrimina ruħu. Billi l-Kummissarju appellat talab kjarifiki ma kienx b'daqshekk qiegħed iġiegħel lil Charm jew lir-rappreżentanti tagħha li

jiksru xi jedd li jibqgħu siekta jekk jagħżlu li jagħmlu dan. Jidher ukoll li t-Tribunal qies u fela l-mod kif il-Kummissarju appellat ħaddem id-diskrezzjoni tiegħu u ta raġunijiet konvinċenti għaliex qies li l-Kummissarju wettaq kif imiss dik id-diskrezzjoni u kif in-nuqqas ta' ko-operazzjoni ta' Charm fl-istadju tal-istħarriġ wassal lill-istess Kummissarju jagħmel sforzi aktar mirquma biex jasal fil-qalba tal-ġrajjiet u għall-fehmiet tiegħu u d-deċiżjonijiet li ħa;

20. Illi din il-Qorti fittxet b'reqqa wkoll fejn intwera li t-Tribunal seta' naqas milli jħares l-interessi proċedurali ta' Charm fiż-żmien li l-każ kien miexi quddiem it-Tribunal. Charm ma speċifikatx fejn u x'setgħu kienu dawn in-nuqqasijiet (ħlief dak li ngħad aktar qabel dwar il-grad tal-provi mistennija) u din il-Qorti ma sabet xejn fl-atti li jsejjes dan l-aggravju f'dan l-aspett. Għall-kuntrarju, it-Tribunal ta l-provvedimenti meħtieġa meta kien il-Kummissarju appellat li ried itella' b'xhud tiegħu l-*accountant* ta' Charm u t-Tribunal, għal raġunijiet motivati u tabilħaqq mistħoqqa, żamm milli jilqa' dik it-talba[41]. Dak il-provvediment huwa xhieda ineċċepibbli li t-Tribunal tabilħaqq ħares is-salvagwardji proċedurali tal-partijiet kollha f'kull waqt tal-kawża;

21. Illi għal dak li jirrigwarda l-għażla ta' Charm li ma tressaqx provi tajba biex jirribattu l-provi mressqa mill-Kummissarju appellat, il-Qorti ma

[41] Ara l-provvediment mogħti fis-7.1.2014, f'paġġ. 262 – 4 tal-proċess.

tistax tilqa' l-argument tagħha li hija kellha dritt li żżomm is-skiet. Kif ingħad qabel, fi proċeduri bħal dawn, il-ħarsien tal-jedd ta' smigħ xieraq ma kienx jeħles lil Charm milli tressaq provi tajbin u konvinċenti biex issostni l-ilmenti tagħha mill-istejjem magħmula mill-Kummissarju appellat u kif ukoll biex tipprova twaqqa' l-provi mressqin minnu[42]. Din il-Qorti ma tistax ma tinnutax parti mis-sottomissjonijiet magħmulin minn Charm innifisha fir-rikors tal-appell tagħha li bihom tipprova ċċekken il-provi mressqa mill-Kummissarju appellat billi tgħid li bosta kienu "dokumenti li jappartienu lis-soċjeta` appellanta" stess[43];

22. Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet kollha l-Qorti ssib li l-ewwel aggravju ma huwiex mistħoqq u mhix se tilqgħu;

23. Illi fit-**tieni aggravju** tagħha Charm tgħid li l-qligħ mill-bejgħ li sar bil-kuntratt tat-28 ta' April, 2003, ma kienx suġġett għat-taxxa. Għadha tisħaq li dak il-bejgħ kien milqugħ bid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 5(9) tal-Kapitolu 123 tal-Liġijiet ta' Malta u ma kien hemm qatt raġunijiet għaliex il-Kummissarju appellat messu ħaddem id-diskrezzjoni tiegħu taħt l-Artikolu 51(2) tal-istess Att u l-mod li bih avżaha li wettaq dik id-diskrezzjoni. B'mod partikolari tisħaq li ladarba l-liġi trid li l-Kummissarju appellat jibgħat ordni bil-miktub biex juri lit-*taxpayer* li jimponi taxxa, hu kellu jibgħat avviż kif imiss u mhux joħroġ biss avviż ta' likwidazzjoni tat-

---

[42] Ara App. Ċiv. **17.3.2021** fil-kawża fl-ismijiet ***Bonpart Limited v. Kummissarju tat-Taxxi*** §§ 20 – 1 .
[43] § 26 tar-Rikors tal-appell.

taxxa. Għalhekk, tgħid li l-Kummissarju naqas li jħares dak li titlob minnu l-liġi u għalhekk dak l-avviż ma jiswiex. Fit-tieni parti tal-aggravju, Charm tgħid li biex ordni bħal dik kienet tiswa – ukoll kieku ntbagħtet fis-sura li trid il-liġi – il-Kummissarju appellat ried juri u jipprova li t-*taxpayer* kien f'mala fidi u li tassew kien fassal skema li bih qed jaħrab mill-ħlas tat-taxxa. Tisħaq li l-prospett tat-taxxa mressaq minnha ma kellu l-ebda qerq u kien il-Kummissarju appellat innifsu li kien għarrafha, fi żmien il-kuntratt, li t-trasferiment kien jaqa' taħt id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 5(9) tal-Kapitolu 123 tal-Liġijiet ta' Malta u kien meħlus mill-ħlas ta' kull taxxa;

24. Illi għal dan l-aggravju l-Kummissarju appellat jilqa' li l-liġi mkien ma tgħid kif imissu jkun l-avviż li bih il-Kummissarju jibgħat jgħarraf lid-denunzjant bl-eżerċizzju u d-diskrezzjoni li jaħseb għalihom l-Artikolu 51 tal-Att. Jisħaq li t-Tribunal wettaq eżami xieraq u tajjeb ta' dawk id-dispożizzjonijiet u li s-sentenza appellata f'dan ir-rigward hija għal kollox tajba. L-appellat iżid jgħid ukoll li huwa seħħlu jġib 'il quddiem provi biżżejjed biex juri li għalkemm Charm u Trenchy kienu, fiż-żmien li sar il-kuntratt, żewġ kumpaniji li għalihom kienu jgħoddu d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 5(9) tal-Att, il-manuvri li ġraw minnufih wara u fi żminijiet rilevanti qanqlu dubju dwar l-iskema li kienet qed tinħema u dawk is-suspetti ntwera li ma kinux għal xejn;

25. Illi l-Qorti tqis li dan l-aggravju jolqot sewwasew il-qofol tal-azzjoni ta' Charm u kien l-argument ewlieni li ressqet għall-konsiderazzjoni tat-

Tribunal. Is-sentenza appellata tagħti attenzjoni mhux dgħajfa għal dan l-aspett ukoll. Fl-ewwel lok, mill-atti tal-kawża joħroġ li aktar minn sena qabel ma l-Kummissarju appellat ħareġ l-avviż tal-likwidazzjoni, huwa kien bagħat jgħarraf formalment lil Charm u lid-diretturi tagħha bl-istħarriġ li kien se jagħmel[44]. Fit-tieni lok, din il-Qorti tqis li Charm ma ġabet 'il quddiem l-ebda raġuni ġdida li twassalha biex titbiegħed mill-konsiderazzjonijiet li għamel it-Tribunal fis-sentenza appellata. Fit-tielet lok iżżid tgħid ukoll li, minkejja dik l-"irregolarita`" proċedurali li Charm tilmenta minnha, xorta waħda qajmet oġġezzjoni għall-istima ta' taxxa maħruġa mill-Kummissarju u, sa ċertu punt, il-Kummissarju ta każ ta' dik l-oġġezzjoni meta ħareġ likwidazzjoni aġġustata f'Awwissu tal-2011. Fir-raba' lok, il-Qorti ma tistax tagħti raġun lil Charm dwar il-bona fidi u d-dikjarazzjonijiet li għamlet fid-denunzja tat-taxxa għas-sena stima 2004. Mill-provi ntwera li Charm bagħtet dik id-denunzja biss wara li kien inħareġ l-ewwel avviż ta' likwidazzjoni tat-taxxa meta kien magħruf diġa` l-Kummisarju x'kien qiegħed jaħseb dwar iċ-ċirkostanzi tat-trasferiment li seħħ f'April tal-2003. Mhux hekk biss, imma l-investigazzjoni kienet ilha għaddejja sa mill-2008 u Charm kienet mgħarrfa b'dan kollu u, għal bosta drabi, ntalbet tagħti t-tagħrif li seta' jwassal lill-Kummissarju għal fehma differenti. Minflok, l-atti tal-kawża juru li Charm kemm-il darba ħassret appuntamenti li kienu jingħatawlha mill-Kummissarju appellat biex iġġib id-dokumenti mitluba u kemm konsistentement naqset milli tressaq it-

[44] Dokti "CGI14" sa "CGI16", f'paġġ. 283 – 5 tal-proċess.

tagħrif mitlub, b'mod li l-Kummissarju ma kienx għad fadallu għażla oħra ħlief li joħroġ l-avviż tal-likwidazzjoni tat-taxxa[45]. Fil-ħames lok, l-Artikolu 51 tal-Kapitolu 123 tal-Liġijiet ta' Malta ma jfisser bl-ebda mod kif trid tkun l-ordni bil-miktub li tintbagħat lit-*taxpayer*, u għalhekk f'dak il-każ jgħoddu d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 31 tal-Kapitolu 372 tal-Liġijiet ta' Malta. Mill-provi mressqa fl-atti joħroġ li l-Kummissarju appellat ħares dawk id-dispożizzjonijiet u mexa magħhom;

26. Illi għal dawn ir-raġunijiet, lanqas dan l-aggravju ma jistħoqqlu jintlaqa';

27. Illi bit-**tielet aggravju** tagħha Charm tgħid li wkoll kieku t-trasferiment tal-ġid tagħha fil-kuntratt tat-28 ta' April, 2003, kien jiġbed fuqu l-ħlas tat-taxxa, il-Kummissarju kkalkola ħażin it-taxxa li kellha titħallas għaliex din messha nħadmet fuq il-qligħ li kien reġistrat bl-imsemmi trasferiment. Hija tisħaq li, minflok qies x'kien il-qligħ reġistrat bejn il-korrispettiv tat-trasferiment u n-nefqa biex inkiseb il-ġid trasferit, il-Kummissarju appellat straħ fuq stima magħmula mill-kumpanija li kisbet il-ġid, liema stima kienet maħsuba għal għanijiet oħrajn u kienet tagħti valur "fittizju". Hija tilmenta mill-fatt li fis-sentenza appellata t-Tribunal ukoll qies li l-prezz tal-korrispettiv muri fil-kuntratt ma kienx tabilħaqq il-valur veru li fuqu qablu l-partijiet. Tgħid li din il-fehma tat-Tribunal tissejjes fuq evalwazzjoni ta' fatti "li ma kinux rilevanti għall-kwistjoni dwar x'kien

[45] Dokti "CG1" sa "CG21", f'paġġ. 270 sa 290 tal-proċess.

il-prezz tal-bejgħ". B'hekk ġie li t-Tribunal għamel tifsira ħażina ta' punt ta' dritt dwar jekk kinitx dovuta jew le taxxa fuq it-trasferiment;

28. Illi f'dan l-aggravju wkoll il-Kummissarju appellat jisħaq li Charm qiegħda tistieden lil din il-Qorti tistħarreġ l-apprezzament tal-fatti li għamel it-Tribunal. Iżid jgħid li l-għan li jsir qligħ mit-trasferiment partikolari mertu tal-każ joħroġ mill-għanijiet li għalih twaqqfet Charm, li fl-istatut u l-memorandum tagħha tagħti l-għan ewlieni tagħha bħala dak li tmexxi 'l quddiem negozju li tixtri u tiżviluppa proprjeta`[46]. Għalhekk, ladarba dak il-ġid kien miżmum fil-kotba ta' Charm bħala "stokk" u mhux bħala biċċa mill-assi fissi tagħha, huwa għamel sewwa li qies it-trasferiment bħala negozju taxxabbli taħt l-Artikolu 4(1)(a) tal-Att dwar it-Taxxa tad-Dħul. Għalhekk, kemm il-kalkolu tat-taxxa u kif ukoll it-taxxa addizzjonali mitluba kienu dovuti minn Charm;

29. Illi dwar dan l-aggravju, din il-Qorti ftit li xejn għandha xi żżid. Huwa minnu li dan l-aggravju jidħol f'aspetti fattwali u kalkoli li jikkostitwixxu punti ta' fatt u mhux ta' dritt. Strettament, għalhekk, dan l-aggravju huwa irritwali. Tgħid biss, madankollu, li hekk kif inħareġ l-avviż tal-likwidazzjoni tat-taxxa Charm ipprotestat (oġġezzjonat) billi "*income as assessed is excessive and not in accordance with income tax return and audited financial statements*"[47]. Minbarra li dikjarazzjoni bħal dik timplika li kien hemm taxxa dovuta u li Charm kienet lesta li taċċetta dan, l-

[46] Ara Dok "KT1", f'paġ. 25 tal-proċess.
[47] Ara Dok "KTI12", f'paġ. 52 tal-proċess.

appellanti ma fissritx x'kien il-ksur tal-liġi li tallega li wettaq il-Kummissarju appellat meta stima t-taxxa dovuta. Il-Qorti, bla ma ttawwal bla bżonn, tirreferi għar-raġunament magħmul mit-Tribunal fis-sentenza appellata dwar dan l-aspett tal-likwidazzjoni magħmul mill-Kummissarju u taqbel miegħu;

30. Illi minħabba f'hekk, dan l-aggravju wkoll mhux se jintlaqa' għaliex mhux mistħoqq;

***Deċide:***

31. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tiċħad l-appell** ta' Charm Developments Limited mis-sentenza mogħtija mit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva fis-6 ta' April, 2017, fil-kawża fl-ismijiet premessi u qiegħda għalhekk tikkonferma għal kollox is-sentenza appellata, bl-**ispejjeż** kontra l-istess kumpanija appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm